Vol 37
Nru 191
Jannar - Marzu 2016

# L-ART Imqaddsa

RIVISTA BIBLIKA



L-Art Imqaddsa

Rivista Biblika
li toħroġ kull tliet xhur
mill-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa tal-Provinċja
Franġiskana Maltija

EDITUR:
P. Twanny Chircop OFM
Kummissarju
tal-Art Imqaddsa

BORD EDITORJAL:
P. Marcello Ghirlando OFM
P. Noel Muscat OFM
Mr. Louis Casha

DISTRIBUZZJONI:
Fra. Lorrie Zerafa OFM

ABBONAMENT:
€10 fis-sena
€15 jew aktar Sostenitur

Kummissarjat
tal-Art Imqaddsa
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta.
Tel: 2124 2254

DISINN U STAMPAR:
Best Print Co. Ltd

Il-Materjal kollu li jidher
f'din ir-Rivista
huwa Copyright ©
tal-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa u l-Edizzjoni
TAU, 2016

comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

Qoxra Quddiem:
*Il-Wied ta' Ħinnom jew*
*tal-Ġeħenna f'Ġerusalemm*

# Werrej



6



16



24

# Editorjal

ta' Patri Twanny Chircop ofm



## L-Art tal-Ħniena

Fit-8 ta' Diċembru 2015 il-Papa Franġisku fetaħ b'mod uffiċjali s-sena tal-ġublew straordinarju tal-ħniena, billi għadda mill-bieb imqaddes tal-Bażilika ta' San Pietru fil-Vatikan. Minn dak il-jum, fid-diversi katidrali u santwarji oħrajn imxerrdin mad-dinja, infetħu diversi bibien imqaddsa, kif ukoll fi sptarijiet u ħabsijiet.

Fl-Art Imqaddsa l-Patrijarka Latin Fouad Twal fetaħ tliet bibien imqaddsa fi tliet Santwarji tal-Fidwa. Dawn huma l-Bażilika tal-Agunija fil-Ġetsemani, il-Bażilika tan-Nativitá f'Betleħem, u l-Bażilika tal-Annunċjazzjoni f'Nazaret.

L-iskop tas-sena tal-ġublew straordinarju hu dak li l-Knisja xxandar messaġġ ta' ħniena u maħfra lill-bnedmin kollha ta' rieda tajba. Għalkemm dan il-messaġġ qed jiġi mxandar kullimkien fid-dinja, hi ħaġa tassew sabiħa li jsib il-post privileġġjat tiegħu proprju fl-Art Imqaddsa, l-Art tal-Ħniena ta' Alla li dehret fil-persuna storika ta' Ġesù ta' Nazaret, il-Messija mistenni u s-Salvatur tal-umanità.

Hu proprju fl-Art Imqaddsa li tinħass b'mod speċjali l-urġenza tal-ħniena ta' Alla. Fil-Bibbja Alla jidher bħala ħanin daqs kemm hu ġust mal-bniedem. Ma hemmx differenza bejn il-ħniena u l-ġustizzja fil-każ ta' Alla. Il-ħniena u l-ġustizzja huma sinjali konkreti tal-fedeltà ta' Alla lejn il-patt tiegħu mal-poplu ta' Israel, patt li seħħ fil-milja taż-żminijiet bil-miġja ta' Kristu fid-dinja.

Il-ħniena u l-ġustizzja huma ħaġa waħda fil-pjan ta' Alla. Alla hu ħanin għax iħoss

30




6 Storja tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa: It-Twaqqif mill-ġdid tal-patrijarkat Latin ta' Ġerusalemm

16 It-Tifsir tan-numri fil-Bibbja

24 Id-demm tal-patt u l-qawmien ta' Kristu

30 Ġesù Kristu wiċċ il-ħniena tal-missier

36 It-talb fir-rakkont tat-twelid u tat-tfulija ta' Ġesù

42 Monasteri fid-deżert tal-Lhudija: Il-Monasteri ta' San Theodosius u ta' San Theoctistus




36



*...editorjal*

*L-Art tal-Ħniena*

fil-qiegħ tiegħu nnifsu għall-bniedem li Hu ħalaq. Mhux ta' b'xejn li l-Bibbja tiddeskrivi l-ħniena ta' Alla bħala sentiment li jitwieled fil-"ġewwieni" ta' Alla. Alla jitqanqal biex iħoss għall-kreatura tiegħu u jrid jaqsam magħha l-istess sitwazzjoni li fiha ssib ruħha. B'hekk Alla jidher li hu Missier ħanin u mimli tenerezza lejn uliedu.

Jekk din hi l-ħniena li Alla wera mal-bnedmin, Hu wriha b'mod speċjali mal-poplu li Hu ħatar għalih fost il-popli kollha. Il-poplu Lhudi, li lilu saru l-wegħdiet messjaniċi, hu d-depożitarju tal-ħniena ta' Alla li dehret fi Kristu. Anke wara li l-istess poplu ma aċċettax lil Kristu bħala Messija u Feddej, Alla qatt ma naqas li juri miegħu ħniena u fedeltà lejn il-wegħdiet li kien għamillu. Xhieda ta' dan jagħtihielna San Pawl fl-Ittra lir-Rumani, kapitlu 9, li fih jitkellem dwar is-sejħa tal-poplu Lhudi għas-salvazzjoni.

Fl-10 ta' Diċembru, proprju jumejn wara li ġiet imnedija s-sena tal-ġublew straordinarju, il-Vatikan ippubblika d-dokument dwar ir-relazzjonijiet bejn Lhud u Kristjani ntitolat "Alla ma jreġġax lura d-doni u s-sejħa tiegħu" (Rum 11,29). Id-dokument għandu l-iskop li juri li l-ħniena ta' Alla lejn il-poplu ta' Israel qatt ma ġiet nieqsa matul l-istorja, u li llum ukoll Alla għadu jħobb b'imħabba speċjali l-poplu tal-patt il-qadim li minnu tnissel Kristu bħala bniedem.

Il-valur tad-dokument hu naturalment kbir, għalkemm ir-reazzjoni lejh fid-dinja u l-kultura Lhudija kienet tvarja. Forsi l-problema kbira li għadha teżisti bejn Lhud u Kristjani hi frott ta' sekli ta' inkomprensjoni u inġustizzja li sfortunatament ġiet, bosta drabi, imħallta ma' mibegħda reliġjuża. Nafu storikament li mhux dejjem dan hu veru, għax bosta drabi motivi reliġjużi ġew użati ħażin għal skopijiet ta' natura purament kulturali jekk mhux ukoll politika. Illum dan il-periklu għadu serju.

Il-fatt li l-Knisja titkellem dwar is-sejħa preferenzjali tal-poplu ta' Israel jindika atteġġjament pożittiv lejn il-fidi reliġjuża ta' dan il-poplu, li minnha tnisslet il-fidi Kristjana. Imma dan ma jfissirx li l-espressjoni "poplu ta' Israel" neċessarjament tindika l-komponenti politika ta' dak li llum insejħulu Stat ta' Israel. Il-Knisja għandha missjoni spiritwali u għaldaqstant il-lingwaġġ li tuża jrid jiġi mifhum fuq pjan spiritwali.

Alla wera l-ħniena tiegħu lejn il-poplu magħżul tiegħu tul l-istorja. Imma

bl-istess mod juri l-ħniena tiegħu mal-popli kollha tad-dinja, u l-aktar kull darba li l-bniedem jipprova jifhem il-misteru tad-divinità bil-mod kif tgħidlu r-reliġjon li jħaddan. Aħna l-Insara konna ngħidu li barra mill-Knisja ma hemmx salvazzjoni. Dan il-prinċipju ġie mifhum ħażin bosta drabi, bħallikieku wieħed irid ikun bilfors Kristjan biex isalva. Hu ċert li Alla jsalva lil kulħadd. Imma hu wkoll ċert li, jekk wieħed iħaddan il-fidi fi Kristu, li aħna nqisuha bħala l-milja tar-rivelazzjoni, għalih ma hemmx salvazzjoni barra l-Knisja ta' Kristu.

Fil-każ tal-poplu ta' Israel is-salvazzjoni tinsab fil-fedeltà lejn il-patt ta' Alla miegħu, patt ta' ħniena u maħfra li ra fih il-poplu tal-wegħdiet messjaniċi. U fil-każ tal-popli l-oħrajn Alla wkoll mhux se jonqos mill-fedeltà għall-wegħdiet tiegħu, dment li l-bniedem ifittxu b'qalb sinċiera. Sfortunatament kull forma ta' fundamentaliżmu reliġjuż hi aberrazzjoni u insult għall-fidi vera u ġenwina, u għaldaqstant għall-ħniena ta' Alla.

Għax il-fundamentaliżmu reliġjuż juża metodi totalment opposti għall-ħniena: intolleranza, kontroll u dominju, theddid permezz ta' armi, atti ta' vjolenza u terroriżmu, okkupazzjoni illeġittima, firdiet bejn popli u kulturi, razziżmu. Il-lista tista' tibqa' sejra. Qed ngħixu f'dinja fejn dawn il-fenomeni mhux talli ma naqsux, imma żdiedu b'mod allarmanti, u speċjalment fil-Lvant Nofsani, inkluża l-Art Imqaddsa.

F'din is-sena tal-ġublew straordinarju tal-Ħniena jeħtieġ li nkunu konxji mid-dimensjoni pura tal-ħniena ta' Alla, li tissupera kull ħajt li jifred lill-popli minn xulxin. Jeħtieġ li kull min jemmen f'Alla, kemm jekk hu Lhudi, jew Nisrani, jew ukoll Musulman, u forsi wkoll min jemmen fil-qawwa tad-divinità li taħdem fid-dinja permezz tar-reliġjon tiegħu, kollha jiddenunzjaw kull forma ta' nuqqas ta' ħniena li tnissel tant tbatija, u li għadha qed tnikket bosta popli, anke fl-Art Imqaddsa. Ma hemmx ħniena fejn hemm estremiżmu integralista. Jiġi minn fejn jiġi. Aħna l-Insara għamilna bosta żbalji ta' integraliżmu, u xi kultant għadhom isiru sal-lum. Imma hu meħtieġ li dawk li huma qrib tagħna fil-fidi tagħhom jiddenunzjaw ukoll l-integraliżmu reliġjuż li jinqdew bih dawk li għandhom aġenda politika ta' dominazzjoni u sfruttament, huma min huma. Dawn in-nies ma għandhom l-ebda esperjenza ta' Alla li sar bniedem f'din l-Art tal-Ħniena.



# STORJA TAL-KUSTODJA TAL-ART IMQADDSA: IT-TWAQQIF MILL-ĠDID TAL-PATRIJARKAT LATIN TA' ĠERUSALEMM

***Noel Muscat ofm***

L-informazzjoni f'dawn is-sensiela ta' artikli ġbarniha mill-istudju ta':

Paolo Pieraccini, *Custodia di Terra Santa e Patriarcato Latino di Gerusalemme: nuove controversie giurisdizionali (1917-1923),* Parte I, in *Frate Francesco,* anno 80, nuova serie, Nov. 2014, n. 2, 409-458.



Papa Piju IX

## Il-Preparazzjonijiet għat-twaqqif mill-ġdid tal-Patrijarkat Latin ta' Ġerusalemm (1847)

Fit-23 ta' Lulju 1847, bl-ittra apostolika *Nulla celebrior*, il-Beatu Papa Piju IX iddeċieda li jerġa' jwaqqaf mill-ġdid il-Patrijarkat Latin ta' Ġerusalemm, li kien ġie mwaqqaf oriġinarjament mill-Kruċjati fl-1099, b'Patrijarka residenti sal-1187, meta spiċċa r-Renju Latin ta' Ġerusalemm. Minn dik is-sena sal-1291 il-Patrijarka Latin kien residenti f'Akri, u wara t-telfa ta' Akri mar joqgħod f'Ċipru fejn dam sal-1374. Minn dik id-data sal-1847 it-titlu ta' Patrijarka Latin ta' Ġerusalemm kien biss onorarju.

Fiż-żmien li fih ma kienx hemm Patrijarka Latin residenti f'Ġerusalemm, il-Kustodju Franġiskan tal-Art Imqaddsa kien il-kap spiritwali tar-reġjuni tal-Palestina u Ċipru bit-titlu ta' Prefett Appostoliku. Fl-1847 is-Santa Sede ddeċidiet li r-rwol pastorali tal-Kustodju kellu jiġi sostitwit minn dak ta' isqof li kellu jiġi mżejjen bit-titlu onorifiku ta' Patrijarka. Il-Prefettura Apostolika li kienet twaqqfet mill-Kongregazzjoni *Propaganda Fide* fil-bidu tas-seklu 17, issa tgħolliet għal dinjità ta' djoċesi, għalkemm il-Latini (kif inhuma magħrufin il-Kattoliċi fl-Art Imqaddsa) kienu biss madwar erbat elef.

L-idea twieldet meta twaqqaf Vigarjat Apostoliku fl-Eġittu (1836-1839), u *Propaganda Fide* ħasbet li tibgħat Vigarju Apostoliku fl-Art Imqaddsa li jaġixxi bil-poteri ta' isqof. L-idea għall-bidu kienet ġiet imħollija għal żminijiet oħrajn.

Sadanittant kien ġie mibgħut isqof għall-Anglikani u l-Luterani f'Ġerusalemm (1841), u sentejn wara twaqqfet missjoni Russa bl-iskop li tagħmel attività missjunarja fost il-Kristjani lokali, kemm Kattoliċi kif ukoll Ortodossi.

Il-kwestjoni ta' isqof residenti Kattoliku f'Ġerusalemm tqanqlet meta Piju IX sar Papa (16 ta' Ġunju 1846). Lill-Papa qalulu li l-Knejjes Protestanti u Russi kienu saru ta' periklu għax kienu qed jippruvaw jikkonvertu l-Kattoliċi, u li l-Franġiskani tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa ma kinux kompetenti għall-ħidma pastorali, minħabba li bosta minnhom ma kinux jafu l-ilsna orjentali, u kien hemm firda bejn il-patrijiet Taljani u Spanjoli. Fuq kollox kien importanti li s-Santa Sede jkollha relazzjoni diretta mat-Torok Ottomani f'Kostantinopli, li kienu jaħkmu


Sultan Abdul Majid

l-Palestina, biex ma tibqax dipendenti mill-medjazzjoni u influwenza ta' Franza.

Is-Sultan Ottoman Abdul Majid aċċetta l-proposta tal-Papa, għax kien imxabba' mill-indħil tal-qawwiet politiċi tal-Oċċident fl-Imperu tiegħu meta kienu jridu jeżerċitaw huma l-protettorat fuq il-Kattoliċi.

Fil-25 ta' Jannar 1847 is-Segretarju ta' *Propaganda Fide*, Mons. Giovanni Brunelli, iddikjara li isqof residenti f'Ġerusalemm jagħti dinjità lill-Knisja Kattolika. Kien wasal iż-żmien li l-kura pastorali fl-Art Imqaddsa ma tiqafx biss fl-uffiċjatura tal-Postjiet Imqaddsa u l-kura tal-foqra, li l-Franġiskani waħedhom kienu ilhom jaqduha għal sitt sekli sħaħ. Kien importanti li jkun hemm awtorità Kattolika qawwija f'Ġerusalemm.

Fit-3 ta' Mejju l-Kardinal Charles Acton iddeskriva l-Knisja Kattolika fl-Art Imqaddsa bħala waħda mmexxija "sempliċement minn saċerdot" (billi l-Kustodju

tal-Art Imqaddsa mhuwiex isqof) u qal li l-fidili Palestinjani kellhom id-dritt li jitmexxew pastoralment b'mod professjonali. Il-Franġiskani kienu okkupati ħafna mill-istituzzjoni reliġjuża tagħhom u ma kellhomx ħin biex jiddedikaw attenzjoni għall-fidili u jagħmlu ħidma missjunarja fost il-Griegi Ortodossi biex dawn "jirritornaw" fi ħdan il-Knisja Kattolika. Isqof residenti kien isolvi dawn il-problemi kollha u jieħu ħsieb il-formazzjoni tal-kleru lokali Palestinjan ta' lingwa Għarbija. Billi d-djoċesi ta' Ġerusalemm kienet il-benniena tal-Kristjaneżimu u ċ-ċentru tal-Postijiet Qaddisa, dan il-prelat kellu jirċievi l-ogħla grad ta' dinjità bit-titlu ta' Patrijarka.

Meta ġie mistoqsi jekk kienx jaqbel li l-Patrijarka Latin jintagħżel minn fost il-Franġiskani hekk li jkun ukoll Kustodju tal-Art Imqaddsa u Isqof, Acton kien tal-fehma li l-"ħtiġijiet tal-missjoni" kellhom jieħdu preċedenza fuq "il-privileġġi" riservati għall-Patrijiet Minuri. Il-Franġiskani setgħu jżommu s-Santwarji u l-parroċċi tagħhom, imma l-Isqof kellu jkollu d-dritt tat-tmexxija tad-djoċesi u tal-formazzjoni tal-kleru.

Acton qal ukoll li, billi l-Franġiskani kellhom jibqgħu kustodji tas-Santwarji tal-Fidwa, kellhom jingħataw l-opportunità li "darba kull tant" wieħed minnhom jiġi magħżul bħala Isqof ta' Ġerusalemm. Kien aktar faċli li huma jobdu lill-Isqof li ma jkunx wieħed minnhom stess.

Il-kardinali kellhom jiddeċiedu xi kwalifiki kellhom iħallu lill-Kustodju, billi issa ma kellux ikun superjur tal-missjoni. Hu kellu jħalli l-użu tal-insinji pontifikali. Acton, iżda, kien tal-fehma li, "biex jiġu evitati abbużi min-naħa tax-xiżmatiċi" (Knejjes Ortodossi) il-Kustodju kellu jitħalla juża l-insinji pontifikali kull meta l-ordinarju (isqof residenti) jew isqof ieħor awtorizzat minnu ma jkunx preżenti.

Problema oħra kienet dik tad-dħul ekonomiku tal-isqof ġdid. Billi l-Patrijarka Latin kellu jkun megħjun minn *Propaganda Fide* u minn donazzjonijiet oħrajn, imma dawn ma kinux biżżejjed, Acton kien tal-fehma li hu kellu jingħata d-dritt li jiġbed fondi mill-offerti li l-Kustodja tal-Art Imqaddsa kienet tirċievi mill-ġbir għall-missjoni.

## It-Twaqqif mill-ġdid tal-Patrijarkat Latin (1847)

Wara li temm ir-rapport tiegħu, il-Kardinal Acton iddiskuta l-kwestjoni mal-


*Mons Giuseppe Valerga*


L-Ingress tal-Patrijarka Giuseppe Valerga f'Ġerusalemm

kollegi tiegħu ta' *Propaganda Fide*. Huma ddeċidew li joffru t-titlu ta' Patrijarka Latin ta' Ġerusalemm lill-prelat ġdid, u li dan kellu jkollu f'idejh ukoll il-kura tal-Kattoliċi li jgħixu fil-gżira ta' Ċipru. Iddeċidew ukoll li l-Patrijarka ġdid ma kellux ikun membru tal-Ordni tal-Patrijiet Minuri. Fl-aħħar ħatru lill-qassis Giuseppe Valerga bħala Patrijarka Latin ta' Ġerusalemm. Il-pjanijiet tagħhom ġew approvati mill-Papa Piju IX.

Fit-23 ta' Lulju 1847 il-Papa Piju IX ippublika l-ittra apostolika *Nulla celebrior*, li fiha afferma li l-Patrijarka Latin kellu l-obbligu ta' residenza permanenti f'Ġerusalemm, u li jeżerċita l-awtorità tiegħu "fuq ir-reġjuni kollha" li qabel kienu jaqgħu taħt l-awtorità tal-Kustodju tal-Art Imqaddsa. Dan kien ifisser li l-ġurisdizzjoni tal-Patrijarka Latin kellha testendi ruħha fuq il-Palestina u Ċipru, billi s-Santa Sede kienet diġà neħħiet minn taħt il-ġurisdizzjoni tal-Kustodja Franġiskana s-Sirja u l-Eġittu. Ir-relazzjonijiet bejn il-Patrijarka u l-Kustodju ġew spjegati fl-Istruzzjoni *Sanctissimus dominus*, li s-Santa Sede ħarġet fl-10 ta' Diċembru 1847.

Il-kontenuti ta' din l-Istruzzjoni kellhom iqajmu diffikultajiet kbar għall-Franġiskani tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa. Il-Kustodju kellu jibqa' s-superjur tal-Franġiskani tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa, inklużi dawk li kienu jgħixu fis-Sirja u l-Eġittu. L-amministrazzjoni tal-Knisja fil-Palestina u Ċipru kellha taqa' biss taħt l-awtorità tal-Patrijarka. Il-Kustodju kellu jiċħad għall-privileġġi kollha li kien igawdi qabel bħala superjur tal-missjoni. L-unika funzjoni li fadallu kienet dik li jkun superjur tal-Kustodja. Il-Patrijarka biss kellu l-fakultà li jamministra l-Konfermazzjoni (Griżma tal-Isqof), u kien biss meta jkun assenti l-Patrijarka li l-Kustodju kellu jeżerċita dan id-dritt. Il-fakultà li jaħtar il-Kavallieri tas-Santu Sepulkru kellha taqa' taħt l-awtorità tal-Patrijarka. Is-*subsidia*, jew offerti ta' flus li kienu jingħataw mill-Kavallieri kellhom issa jmorru direttament fil-fond tal-Patrijarkat destinat għall-Art Imqaddsa. Il-Patrijarka kien igawdi mill-fakultà li jeżerċita d-drittijiet pontifikali tiegħu fiċ-ċelebrazzjonijiet fil-knejjes tal-kleru reliġjuż ta' rit Latin fil-Palestina u Ċipru. Ir-reliġjużi li kellhom knisja kellhom jassistu l-Patrijarka u joffrulu l-ilbies u t-tagħmir liturġiku skont ir-regoli osservati mill-Kapitli tal-Knejjes Katidrali lejn l-Isqof djoċesan.

## Il-Bidu tal-kontroversji bejn il-Patrijarkat Latin u l-Kustodja tal-Art Imqaddsa (1848-1851)

Malli rifes l-Art Imqaddsa l-Patrijarka Latin Giuseppe Valerga ġab miegħu l-Istruzzjoni *Sanctissimum Dominum*, li kienet tagħtih id-dritt tal-Isqof djoċesan li jifforma u jordna l-kleru lokali.

It-twaqqif mill-ġdid tal-Patrijarkat Latin ta' Ġerusalemm ipprovoka skuntentizza ġenerali u oppożizzjoni, partikolarment fil-każ tal-kleru Grieg Kattoliku u l-aktar tal-Patrijarka Grieg Ortodoss ta' Ġerusalemm, li kien iqis lilu nnifsu bħala l-uniku Patrijarka leġittimu tas-Sede ta' Ġerusalemm, bil-Katidral tiegħu fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu. Il-Franġiskani naturalment ukoll urew l-oppożizzjoni tagħhom. Għal sitt sekli sħaħ, u fi żmien diffiċli ta' persekuzzjoni waqt id-dominazzjoni Ottomana, il-Franġiskani kienu l-uniċi reliġjużi Kattoliċi preżenti fl-Art Imqaddsa, u kienu waħedhom responsabbli mill-Postijiet Qaddisa u mill-ħidma pastorali fost l-Insara Kattoliċi Latini fl-Art Imqaddsa. Il-Kustodju kien igawdi mill-privileġġi ta' prelat, b'ġurisdizzjoni fuq il-Kattoliċi kollha fl-Art Imqaddsa. It-twaqqif mill-ġdid tal-Patrijarkat Latin kien ifisser li l-Franġiskani kellhom jitilfu bosta privileġġi u uffiċċji li kienu akkwistaw b'tant tbatija matul l-istorja glorjuża tagħhom fl-Art Imqaddsa.

Giuseppe Valerga wasal Ġerusalemm fis-17 ta' Jannar 1848. Fl-ewwel relazzjoni li ppreżenta fuq id-djoċesi beda jilmenta li l-Franġiskani kellhom poter ekonomiku kbir u influwenza fuq l-organi tat-tmexxija tad-djoċesi, u li bħala isqof kellu jdejh marbutin. Ma għaddiex wisq żmien li din l-iskuntentizza żviluppat f'kontroversja bejn il-Patrijarkat Latin u l-Kustodja tal-Art Imqaddsa. Dan l-aktar għax il-Kustodja kienet tamministra diversi offerti li kienu jintbagħtu għat-tmexxija tas-Santwarji tal-Fidwa, u tal-iskejjel u l-parroċċi Kattoliċi li kienet tmexxi. *Propaganda Fide* iddeċidiet li teżamina din il-kwestjoni kollha, billi tibbaża t-tiftix tagħha fuq ir-relazzjoni ta' Valerga. Il-Patrijarka kien ilmenta

*Bażilika tas-Santu Sepulkru*





*L-Arċisqof Vincenzo Spaccapietra*

li l-Franġiskani kienu jagħtu aktar importanza lill-Kustodja tal-Postijiet Qaddisa milli lill-ħidma missjunarja fost l-Insara, u li kienu jippretendu li huma biss kellhom ġurisdizzjoni li jmexxu s-Santwarji tal-Fidwa.

Fid-9 ta' Settembru 1851 *Propaganda Fide* ippubblikat id-Digriet *Licet ex eo tempore*, biex tagħti direzzjoni aktar akkurata lejn kif kellha titmexxa d-djoċesi ta' Ġerusalemm. Is-Santa Sede kienet tiggarantixxi l-awtorità tal-Patrijarka Latin, filwaqt li kellhom jitħarsu d-drittijiet u l-privileġġi tal-Kustodja. Imma d-Digriet sa wasal li jgħid li l-kura tas-Santwarji kellha titħalla f'idejn il-Patrijarka u l-Franġiskani flimkien. Il-Patrijarka kellu saħansitra d-dritt li jżur il-knejjes tar-reliġjużi Franġiskani fid-djoċesi tiegħu u li jikkontrolla d-dħul tal-offerti tal-Kustodja fil-kuntest tal-amministrazzjoni finanzjarja tad-djoċesi. Il-Patrijarka kellu jingħata awtorità sħiħa ordinarja fuq l-iskejjel Kattoliċi (li kienu kollha proprjetà tal-Kustodja). Billi l-Patrijarka ma kellux knisja tiegħu f'Ġerusalemm li setgħet tiffunzjona bħala Kattidral, hu kellu d-dritt li jagħmel użu mill-Knisja parrokkjali Franġiskana ta' San Salvatur f'Ġerusalemm bħala l-Kattidral tiegħu. Kellu wkoll jingħata offerti ġenerużi ta' flus kull sena mill-Kustodja għall-kura pastorali tal-Kattoliċi tad-djoċesi tiegħu.

## Il-Kontroversja tiħrax u ssib soluzzjoni temporanja (1852-1863)

Il-kontroversja rigward l-amministrazzjoni finanzjarja bdiet tikkumplika ruħha, għax id-Digriet *Licet ex eo tempore* kien ta lill-Patrijarka l-poteri li jamministra l-offerti tal-Kattoliċi tad-dinja kollha li kellhom suppost imorru għall-kura tas-Santwarji tal-Fidwa, u li kienu dejjem amministrati mill-Kustodja. Min-naħa tagħha l-Kustodja fittxet l-appoġġ tal-qawwiet Ewropej li tradizzjonalment kienu jgħinuha, partikularment Spanja u l-Awstrija. Dawn bagħtu l-protesti tagħhom lil Piju IX, li ddeċieda li jibgħat viżitatur apostoliku fil-Palestina fil-persuna ta' Alfonso de Rumilly, Kapuċċin. *Propaganda Fide* ipprotestat li dan il-viżitatur kien ta relazzjoni negattiva dwar il-Patrijarkat Latin favur il-Franġiskani.

Meta l-kontroversja kibret, fl-1860 Piju IX bagħat viżitatur ieħor, l-arċisqof Vincenzo Spaccapietra. Dan ukoll ippreżenta kritika ħarxa dwar Valerga, u qal li l-Patrijarka kien deċiż li jissostitwixxi l-Franġisikani

bil-kleru djoċesan, imma li dan tal-aħħar ma kienx ippreparat għal din il-ħidma. Il-viżitatur kien kontrarju għal Valerga, li ried iwaqqaf seminarju djoċesan, u qal li l-kleru lokali kien jikkomprometti l-karattru internazzjonali tal-Knisja fl-Art Imqaddsa, li l-Franġiskani kienu jiggarantixxu għax kienu ġejjin minn nazzjonijiet diversi.

*Propaganda Fide* aċċettat biss li l-Patrijarka ma kellux ikun responsabbli mill-amministrazzjoni finanzjarja. Imma kienet taqbel li hu kellu jkollu seminarju djoċesan. Il-Franġiskani ġew obbligati li ta' kull sena jibagħtu rendikont finanzjarju lill-Kongregazzjoni *Propaganda Fide*. Huma ma kellhomx jibnu knejjes u kunventi ġodda, u lanqas ikabbru dawk li kellhom, mingħajr il-permess tal-awtoritajiet djoċesani lokali.

Valerga ma aċċettax li jkollu biss somma fissa mogħtija lilu mill-Franġiskani. Min-naħa tagħhom il-Franġiskani lmentaw li s-somma mitluba kienet eżorbitanti u li huma ma kinux lesti li jilqgħu l-ordni li jitolbu permess lill-Patrijarka biex jibnu knejjes u kunventi.

Fl-1862, f'mument meta *Propaganda Fide* ħasbet li kien impossibbli li tasal tirrikonċilja l-Kustodja mal-Patrijarkat, l-avvenimenti bidlu s-sitwazzjoni. F'dik is-sena Bernardino da Montefranco temm il-mandat tiegħu bħala Ministru Ġeneral tal-Franġiskani, u Bonaventura da Solero spiċċa wkoll minn Kustodju tal-Art Imqaddsa. Bernardino da Montefranco kien Kustodju bejn l-1847 u l-1856 u kien kritiku enerġiku tal-Patrijarka, u hekk kompla bħala Ministru Ġeneral. Bonaventura da Solero kompla fuq l-istess linja meta kien Kustodju. Fl-1862 Piju IX għażel bħala Ministru Ġeneral lil Raffaele da Pontecchio. Dan kien Franġiskan moderat u pprova jsolvi d-diffikultajiet bejn il-Kustodja u l-Patrijarkat. Taħt pressjoni papali dan il-Ġeneral ħatar bħala Kustodju ġdid tal-Art Imqaddsa lil Serafino Milani (1863-1874), li ngħata l-mandat li jsolvi l-problemi mal-Patrijarkat. Naturalment kellu jħabbat wiċċu ma' diffikultajiet kbar mill-istess membri tad-Diskretorju tal-Kustodja. Fl-aħħar *Propaganda Fide* tat lill-Ġeneral il-fakultà li jipproċedi mingħajr ma jitlob il-kunsens tad-Diskretorju. Fil-Kustodja kien hemm numru mdaqqas ta' Franġiskani li xtaqu jaraw soluzzjoni tal-problema, għax raw il-periklu ta' ħsara lill-interessi tal-istess Kustodja u tal-Ordni Franġiskan innifsu.

Min-naħa tal-Patrijarkat Latin is-sitwazzjoni wkoll bdiet tikkalma matul l-aħħar snin ta' Valerga bħala Patrijarka, l-aktar malli wasal l-Isqof Awżiljarju Vincenzo Bracco.

## Il-Kontroversja tieqaf fi żmien il-Patrijarki Bracco, Piavi u Camassei (1873-1919)

Fil-11 ta' Marzu 1873 *Propaganda Fide* għażlet lil Vincenzo Bracco bħala Patrijarka Latin ta' Ġerusalemm


*Mons Vincenzo Bracco*

(1873-1889). Fi żmienu ma kienx hemm kontroversja serja bejn il-Patrijarkat u l-Kustodja. L-armonija tar-relazzjonijiet kompliet ukoll meta mexxa d-djoċesi l-Patrijarka Ludovico Piavi (1889-1905), li kien Franġiskan. Inqalgħu xi problemi meta l-Papa Ljun XIII ippubblika l-Breve *Salvatoris ac Domini Nostri* (26 ta' Diċembru 1887) rigward il-ġabra tal-Ġimgħa l-Kbira b'riżq l-Art Imqaddsa. Il-Papa fakkar lill-isqfijiet fit-tradizzjoni antika li din il-ġabra kellha tintbagħat lill-eqreb Kummissarju tal-Art Imqaddsa, li mbagħad kellu jibgħat l-offerti fil-Kustodja. *Propaganda Fide* ma kinetx kuntenta bil-mod kif il-Franġiskani kienu qed jamministraw l-offerti, u riedet li l-amministrazzjoni tal-ġabra taqa' taħt id-direzzjoni tal-Patrijarka. Imma fl-1890 Piavi wera li kien kuntrarju għal din il-proposta. Fi żmien li fih il-Patrijarkat kien ingħata l-amministrazzjoni finanzjarja tal-ġabra tal-Art Imqaddsa, l-Kustodja sabet limiti kbar fl-attività tagħha u l-ebda Santwarju ġdid ma seta' jinbena. Billi l-Kustodja kellha wkoll tipprovdi għall-manteniment tal-Franġiskani fil-missjonijiet tas-Sirja u l-Eġittu, u dawn ma kinux jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Patrijarka

Latin ta' Ġerusalemm, Piavi talab li l-Kustodja kellha titħalla ħielsa li tamministra l-fondi tagħha, u li tippreżenta biss rendikont annwali lil *Propaganda Fide*. Piavi qal ukoll li anke hu, bħala Patrijarka, kellu jiġi obbligat li jibgħat rapport finanzjarju annwali lill-Kongregazzjoni, billi l-flus li kien jamministra kienu ngħataw lilu mill-Kustodja.

Il-Prefett ta' *Propaganda Fide*, il-Kardinal Giovanni Simeone, kien talab li l-Kustodja tgħolli s-sussidju annwali li kellha tagħti a beneficċju tal-Patrijarka, għas-somma ta' 150,000 Frank. Il-Kustodja opponiet u *Propaganda Fide* webbset rasha. Fl-aħħar Piavi u l-Ministru Ġeneral tal-Franġiskani ftiehmu li l-Kustodja kellha tgħolli s-sussidju annwali minn 37,625 Frank għal 50,000 Frank.

Il-kumplament tal-Patrijarkat ta' Piavi kien armonjuż. Piavi kien wera sens prattiku lejn ħutu l-Franġiskani tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa, u pprova jikkonvinċihom li, bit-twaqqif mill-ġdid tal-Patrijarkat, is-Santa Sede ma kinetx ħadet minn idejn il-Franġiskani d-dritt tal-Kustodja tal-Postijiet Qaddisa.

Il-Patrijarka li ġie warajh, Filippo Camassei (1906-1919) wera l-istess attitudni pożittiva lejn il-Kustodja, anke jekk hu kien qassis sekulari. Kien donnu li ż-żmien kien fejjaq il-feriti antiki. Imma l-kbir kien għadu ġej.


*Papa Ljun XIII*



# IT-TIFSIR TAN-NUMRI FIL-BIBBJA

***Fr Charles Buttigieg***

***"Xmun Pietru tela' fid-dgħajsa u ġibed l-art ix-xibka mimlija b'mija u tlieta u ħamsin ħuta kbira..." (Ġwanni 21:11)***

## Simboliżmu Aritmetiku

Fil-Bibbja niltaqgħu ma' ħafna simboli dwar Alla, dwar il-bniedem, dwar l-annimali; niltaqgħu mas-simboliżmu li jinvolvi l-kuluri u anke dak tan-numri li nsejħulu aritmetiku. Naraw in-numru 666 jirreferi għal Neruni (ara Apok 13:17-18) u huwa marbut mal-Antikrist, in-numru sebgħa li juri totalità fejn dan jissemma ħafna drabi fl-Apokalissi ta' San Ġwann għas-seba' knejjes, seba' siġilli, seba' ittri, seba' bwieqi, seba' trombi u seba' kwiekeb. Insibu n-numru 1000 għal Alla u juri milja f'Alla, in-numru 10 li juri perfezzjoni divina u fuq kollox in-numru 12 għat-tribujiet u l-appostli. In-numru 3 li juri perfezzjoni spiritwali waqt li n-numru 4 juri perfezzjoni materjali, in-numru 6 juri imperfezzjoni, u n-numru simboliku ta' 144,000 li nsibu f'Apok 14:1 li jfisser il-multiplikazzjoni tat-12-il tribù (jiġifieri l-Antik Testment) u t-12-il appostlu (il-Ġdid Testment) li jiffurmaw il-poplu wieħed ta' Alla (in-numru 1000). Għalhekk se nagħtu



ħarsa ħafifa lejn xi numri sinifikattivi fil-Bibbja.

## L-Ewwel Għaxar Numri

In-numru wieħed juri unità u marbut mat-twemmin ta' Alla wieħed (ara Dewt 6:4) u huwa n-numru tal-ewwel kmandament ta' Alla (ara Eżodu 20:3). In-numru tnejn, bl-Ebrajk u Feniċju *xanim* fejn l-għerq tal-kelma jfisser 'tilwi', bl-Aramajku Sirjak *tanin*, bl-Assirjak *xina*, bl-Etjopiku *kele'e*, Barbaru *senet* u bl-Għarbi *tani*, huwa s-simbolu tax-xhieda, per eżempju ż-żewġt idwal tal-ħolqien fil-Ġenesi 1:6; iż-żewġ kerubini mal-arka tal-patt f'Eżodu 25:22, u Ġesù bagħat id-dixxipli tnejn tnejn kif insibu f'Luqa 10:1.

In-numru 3 huwa n-numru perfett, simbolu tal-perfezzjoni ta' Alla – it-Trinità. Fit-tielet jum dehret l-art fil-ħolqien, tliet subien kellu Noè: Ħam, Sem u Jafet, tliet irġiel iħabbru wild lil Abraham. Is-sagrifiċċju ta' Isakk fuq il-Morija kien se jseħħ fit-tielet jum, kien hemm tliet taqsimiet fit-tinda tal-laqgħa u fit-tempju, Ġona dam tlett ijiem u tliet iljieli fiż-żaqq tal-ħuta. Hemm tliet festi tal-pellegrinaġġi, tlett snin dam il-ministeru ta' Ġesù, u Ġesù qam fit-tielet jum (ara Mt 17:22-23; Mk 9:31; Lq 9:22 u 24:46). Hemm għalhekk is-simboliżmu qawwi tal-Bibbja marbut mat-tielet jum (ara Mattew 12:40). Fl-Antik Testment naraw lil Alla tliet darbiet 'Qaddis' (Is 6:31). Tlieta ukoll huwa n-numru tal-imsallbin fuq il-Golgotha (Mk 15:27).

In-numru 4 juri totalità materjali (id-dinja, l-arja, in-nar u l-ilma), l-erba' irjieħ minn kull naħa tad-dinja (Mt 24:31), fil-Ġnien tal-Għeden kien hemm erba' xmajjar: Pison, Giħon, Tigri u Ewfrat (ara Ġenesi 2:10-11) u kien hemm erba' tazzi fl-Ikla tal-Għid. Id-dinja għandha erba' staġuni, il-ktieb ta' Danjel isemmi erba' saltniet u fil-parabbola taż-żerriegħa nsibu erba' tipi ta' ħamrija (Mattew kapitlu 13).

In-numru ħamsa marbut mal-kotba tal-Pentatewku, il-kotba li jiffurmaw is-salmi, il-ħames ċagħqiet ta' David li bihom qatel lill-ġgant Gulija tal-Filistej (ara 1 Samwel 17, 38-51), il-ħames ħobżiet fit-tkattir tal-ħobż minn Ġesù u l-ħames pjagi ta' Kristu. In-numru huwa marbut ma' Alla (1) u mad-dinja



(4) u mal-ħames swaba li għandu f'kull id il-bniedem. Ħamsa huma l-kelmiet tal-intelliġenza (1 Kor 14:19).

In-numru 6 juri li jrid jilħaq il-perfezzjoni tiegħu fin-numru 7, kif naraw fl-istorja tal-ħolqien u għalhekk huwa numru mhux perfett; per eżempju s-sitt ġarar tal-ilma fit-tieġ ta' Kana, u s-sitt siegħa li jilħqu l-perfezzjoni tagħhom fi Kristu. L-istilla ta' David jew bil-Lhudi *Magħen David* hija hesagramma u għandha sitt ponot. Huwa numru marbut mal-ħolqien tal-bniedem li jseħħ fis-sitt jum. Ukoll il-leviti kellhom sitt ibliet tagħhom (ara Num 35:6).



In-numru 7 huwa n-numru perfett u juri milja, mill-Ebrajk *shebah*, kif naraw f'Mattew 18:22 fejn naraw lil Ġesù jeżorta lil Pietru sabiex jaħfer dejjem, għal 77 darba. In-numru 7 insibuh 287 darba fil-Bibbja. Huwa n-numru tas-Sibt u tal-mistrieħ u marbut mas-sena tal-ħelsien tal-iskjavi (ara Esodu 21:2). Jissemma ta' spiss fl-Apokalissi. Is-sena tal-ġublew kienet mibnija fuq ċikli ta' 7 u għalhekk 49 sena kif preskritt fil-Levitiku 25. Huwa wkoll in-numru ta' djakni li ntgħażlu fl-Atti tal-Appostli. Marija Maddalena kellha seba' xjaten (Lq 17:1). Il-*menorah* tal-Lhud kien kandelabru li kellu seba' xemgħat. Kien hemm seba' snin ta' ġuħ u għaks fi żmien Ġużeppi fl-Eġittu (Ġen 41:53); is-seba' ġranet tal-ħobż ażżmu (Esodu 34:18); is-seba' snin ta' Ġakobb sabiex jiżżewweġ lil Rakel bint Laban (Ġen 29:20); is-seba' ġranet ta' festi tat-tieġ fl-istorja ta' Sansun (Imħ 14:12). Fil-Ġematria, tibdel l-ittri tal-alfabet fil-valur tagħhom numeriku, l-ewwel vers tal-Bibbja għandu l-valur ta' 1393 li huwa magħmul minn 7 għal 199 darba.

In-numru 8 huwa marbut mas-salvazzjoni u mal-eternità u huwa numru marbut mal-Messija u s-Salvatur. Kienu tmien persuni b'kollox li salvaw fid-dilluvju (ara 2 Piet 2:5) u ċ-ċirkonċiżjoni tal-Lhud kienet isseħħ fit-tmien jum. In-numru disa' huwa marbut mal-barka u nsibu disa' doni tal-Ispirtu s-Santu f'Galatin 5:22-23.

In-numru għaxra huwa magħmul minn numru tlieta u seba' jew erba' (il-kreazzjoni) u sitta (il-bniedem). In-numru 10 huwa n-numru tal-għaxar kmandamenti ta' Alla, u huwa numru perfett fl-ordni divin. Interessanti li Noè kien l-għaxar ġenerazzjoni minn Adam. L-għexur, jiġifieri wieħed minn kull għaxra, kien jingħata lil Alla. Il-prezz tal-fidwa kien ta' 10 gerat li kienu jiġu nofs xekel (ara Eżodu 30:12-16). Insibu l-għaxar pjagi tal-Eġittu. Fl-Eżodu 26: naraw ukoll in-numru ta' għaxar purtieri. Fil-vanġelu ta' San Mattew insibu għaxar parabboli tas-Saltna. Interessanti wkoll



u l-appostli u t-tnax-il bieb ta' Ġerusalemm il-Ġdida u l-kwiekeb tal-Madonna (ara Apok 12:1). Tnax ukoll kienu l-ispiji li bagħat Mosè fejn kienu waslu sal-wied ta' Eskol u rritornaw lejn Kades fid-deżert ta' Paran.

Tnax kienu l-għejun tal-ilma fid-deżert ta' Elim kif naraw f'Numri 33:9. Tnax kienu s-suldati ta' David ħdejn il-pixxina ta' Gabaon. Tnax huma l-profeti ż-żgħar, Salamun kellu tnax-il iljun (1 Re 10:18) u tnax huma l-istilel tal-Apokalissi (12:1). Insibu tnax-il leġjun ta' anġeli f'Mt 26:53. In-numru 144,000 tal-Apokalissi huwa magħmul minn numru tnax. Ġesù kellu tnax-il sena meta deher fit-tempju.

## In-Numru Tlettax

Dan in-numru juri ċerta negattività. Pereżempju niltaqgħu mal-ġuħ u l-għaks 13-il darba fil-Bibbja. Il-waqgħa ta' Ġeriko ġrat wara tlettax-il dawra. L-isem ta' Satana fl-Ebrajk għandu valur li jinvolvi n-nunru 13 (13 għal 28) u anke bil-Grieg (13 għal 13), is-serpent (13 għal 212), Beelżebub (13 għal 46), Belial (13 għal 6), l-Antikrist (13 għal 13 għal 33). Ġuda l-Iskarjota li ħareġ miċ-ċirku tat-Tnax u li daħal minfloku Mattija huwa wkoll marbut man-numru tlettax.

## In-Numru Erbgħin

Dan in-numru huwa ta' importanza kbira fil-Bibbja u

li l-ħaruf tal-Għid kien jintgħażel fl-10 tax-xahar ta' Nisan (ara Eż 12:3). Il-Yom Kippur taħbat ukoll fl-għaxra tas-seba' xahar. Insibu wkoll il-parabbola tal-għaxar xebbiet (Mt 21:1-13). F'Danjel 7:24 naraw il-viżjoni tal-bestja b'għaxart iqrun. Fil-*Kabbalah* Ebrajka jissemmew għaxar emanazzjonijiet tal-infinità ta' Alla msejħa bħala *sephirot*. Santu Wistin jorbot dan in-numru mal-għerf: *numerous denarius totum sapientiam significat*. In-numru ħdax huwa ġeneralment negattiv.

## In-Numru Tnax

In-numru 12 insibuh 187 darba fil-Bibbja fejn fl-Apokalissi nsibuh 22 darba u għalhekk huwa n-numru tal-Apokalissi. Dan huwa numru perfett ukoll, il-perfezzjoni governattiva. In-numru tnax huwa magħmul minn numru 3 (Alla) għal numru 4 (id-dinja). Insibu n-numru marbut mal-patrijarki, it-tfal ta' Ġakobb, it-tribujiet ta' Israel, marbut mal-poplu ta' Alla, l-imħallfin, il-ħaġar prezzjuż tal-qassis il-kbir,

juri tkomplija u perfezzjoni. Insibuh 146 darba. Huwa magħmul minn numri 10 għal 4 u għalhekk juri totalità. Il-poplu Lhudi dam 40 sena jissaffa fid-deżert tas-Sinaj (ara Dewt 8:2-5). Mosè għex erbgħin sena għal tliet darbiet. Insibu l-erbgħin sena ta' paċi taħt l-imħallfin, Għotnijel, Barak u Gidgħon (ara Imħallfin 8:28). Sawl, David u Salamun damu jsaltnu għal erbgħin sena (ara 1 Re 11:42). Skont Ġenesi 7:4 id-dilluvju dam erbgħin jum u erbgħin lejl. Mosè jdum fuq il-muntanja Sinaj għal 40 ġurnata (Es 34:28), l-istess bħalma għamel Elija fuq il-Ħoreb (1 Slat 19:8) u l-indiema ta' Ninwè (Ġon 3:4) u l-erbgħin jum marbuta ma' Ġesù fid-deżert u wara l-qawmien sa tlugħ is-sema.

## Numri Oħra

In-numru 14 huwa magħmul minn sebgħa għal tnejn u jagħmel parti mir-razza ta' Ġesù fejn insibu 42 ġenerazzjoni (14 għal 3) minn Abraham sa San Ġużepp (ara Mattew 1:1-17). Fl-14 tal-ewwel xahar huwa l-Għid. Fl-istess jum – 14 tal-ewwel xahar – Alla kien għamel il-patt ma' Abraham (Ġen 15:1-9). Bħalma Alla ħeles lill-poplu Lhudi mill-jasar tal-Eġittu f'din il-ġurnata, hekk ukoll Ġesù, il-Ħaruf il-Ġdid tal-Għid. In-numru 14 huwa l-valur tal-isem David fil-ġematria Lhudija; DVD = 4+6+4, fejn l-ittra *dalet* kienet tiswa 4 u l-*vav* kienet tiswa 6).

In-numru 16 huwa marbut mal-imħabba fil-Bibbja fejn fl-innu tal-imħabba ta' San Pawl fl-Ewwel Ittra lill-Korintin fil-kapitlu 13 insibu 16 il-aġġettiv tal-imħabba vera. In-numru 30 juri perfezzjoni magħmul minn għaxra għal tlieta, fil-fatt Ġesù beda l-ministeru tiegħu ta' tletin sena (ara Luqa 3:23) bħalma kellu David meta sar re (2 Samwel 5:4). Ġesù ġie mibjugħ minn Ġuda għal tletin biċċa tal-fidda (ara Mattew 27:6-10). Israel baqgħu jibku l-mewt ta' Mosè u Aron tletin ġurnata. Fil-ġematria l-isem divin ta' YHWH għandu l-valur ta' 42, daqs kemm hemm ġenerazzjonijiet minn Abraham sa Kristu. In-numru 50 huwa marbut mal-ġublew bibbliku *shenat hajjobel* kif deskritt f'Levitiku 25:8-12, u mal-festa ta' Għid il-Ħamsin (Lev 23:15-16 u Atti 2). In-numru





ħamsin huwa n-numru magħmul minn sebgħa għal sebgħa u wieħed (ara Levitiku kap 25). Insibuh 154 darba u juri fidwa u twelid ġdid.

Insibu d-disgħa u disgħin nagħaġa (Matt 18:12). In-numru 70 huwa magħmul minn sebgħa għal għaxra (numri perfetti), huwa numru ta' żmien sħiħ, mitmum (ara Lev 25:10). Qabel it-Torri ta' Babel kien hemm sebgħin nazzjon, sebgħin persuna marru fl-Eġittu fi żmien Ġakobb (ara Ġenesi 46:26-27), u nsibu s-70 anzjan tal-poplu u tas-Sanhedrin, is-sebgħin sena tal-eżilju (ara Ġeremija 25:11) u s-70 dixxiplu ta' Ġesù (ara Luqa 10:1).

In-numru mija li juri wkoll totalità, insibuh f'Ġenesi 26:2; Levitiku 26:8; 2 Samwel 24:3 u Mattew 19:29. In-numru 666 li nsibu fl-Apokalissi 13:16-18, huwa marbut mal-Antikrist jew l-isem tiegħu, ma' Neruni, max-xitan, mal-apostasija, ma' Gulija tal-Antik Testment, il-vanità ta' Salamun, ma' Nabukodonosor, il-Bhima tal-Apokalissi. San Irinew jorbot dan in-numru mal-kelma *lateinos* u huwa numru imperfett għall-aħħar.

In-numru elf, bl-Ebrajk: *eleph*, juri folla kbira u għadd mingħajr limiti bħalma hi l-ħniena ta' Alla "li hu ħanin għal elf nisel" (Eż 20:6) u għalih, elf nisel qishom jum wieħed (Salm 90:4). Salamun kellu elf mara! (1 Slat 11:3) u l-elf sena tas-saltna (Apok 20:7). In-numru elf insibuh ukoll f'Dewt 5:10; 7:9; 1 Samwel 18:7 u Salm 50 u 90. F'2 Samwel 10:18 insibu 700 karru, f'2 Kron 19:18 7000 karru, f'1 Re 4:26 insibu 40,000 gwerrier u f'Numru 3:39 insibu 22,000 levita. In-numru 10,000 insibuh f'Lev 26:8; Dewt 32:30; Mik 6:7. Eżra 2:64 jitkellem minn kongregazzjoni ta' 42,360 ruħ. Fil-konsagrazzjoni tat-tempju ta' Salamun f'1 Re 8:63 ġew issagrifikati 22,000 barri u 120,000 nagħġa. Il-Lhud fl-Eżodu kienu madwar 70,000 ġewwa l-Eġittu. Għandna wkoll in-numru 6000 li jfisser 'leġjun'

(ara l-imxajtan ta' Ġerasa f'Lq 8:30). L-ikbar numru li nsibu fil-Bibbja huwa, "…għaxart elef ta'għaxriet ta' eluf …" f'Danjel 7:10 u fl-Apoklissi 5:11. Numri kbar oħra huma l-50,070 ruħ li ġew maqtula f'Bet-xemex minħabba l-arka tal-patt (1 Samwel 6:19); l-armata ta' Ġosafat kienet tgħodd 1,160,000 ruħ (2 kronaki 18) u l-mewt ta' 27.000 persuna f'2 Re 20:30.

## Il-qabda ta' 153 ħuta kbira

F'Ġwanni 21:11 niltaqgħu mal-qabda ħut ta' wara l-qawmien ta' Ġesù fejn San Pietru kaxkar bla ma qatta' ix-xibka mimlija 153 ħuta kbira. In-Numru 153 huwa numru misterjuż ħafna. San Wistin u San Ġirolmu jorbtu dan in-numru partikulari u eżatt mas-salvazzjoni tal-bnedmin li trid tilħaq lil kull persuna singola partikulari għaliex Alla jrid lil kulħadd isalva (ara Ġw 6:39 u 17:12). San Ġirolmu jżid li n-numru jirreferi għal tipi differenti ta' ħut fil-qabda tax-xibka tal-vanġelu. San Girgor il-Kbir jgħid li n-numru huwa frott tal-multiplikazzjoni tan-numri 17, 3 u 3 li jagħmlu 153. Tajjeb li ngħidu li n-numru 17 huwa t-total tan-numri 10 (kmadamenti) u sebgħa (sagramenti) u tlieta jirreferi għal Alla. Santu Wistin jgħid li jekk tgħodd in-numri kollha sas-17 jagħmlu 153 u għalhekk dawn il-kalkoli kollha juru totalità ta' salvazzjoni li ġejja minn Alla. In-numru jista' jkun magħmul minn (12 għal 12) + (3 għal 3). Interessanti wkoll li l-ġematrija tan-numri 153 tirreferi għal *beni ha-elohim*, ulied Alla. In-numru 153 jirreferi għal numru ta' persuni li ġew imbierka minn Ġesù fil-ministeru tiegħu.

## Bibliografija


Brown, R, (ed.), *The Jerome Biblical Commentary*, London 1985.

Davis, J.J., "Biblical Numerics", *in Grace Journal*, 30-43.

Ellis, P., *The Man and message of the Old Testament*, Collegeville 1976.

Gunner, R.A.H., "Numbers", in *The New Bible Dictionary*, Grand Rapids (MI) 1962.

Kunstlinger, D., "The numeral 'two' in the semitic languages", in *The Jewish Quarterly Review* 10 (1898) 462-469.

Panin, I., "Bible Numerics", in *Things to Come* 17 (1911) 140.

Wenham, J.W., "Large numbers in the Old Testament", in *Tyndale Bulletin* 18 (1967).

Varner, W., "The Christian use of Jewish Numerology", in *TMSJ* 8 (1997) 47-59.

Yamauchi, E.M., "Magic in the biblical world", in *Tyndale Bulletin* 34 (1983) 169-200.



# ID-DEMM TAL-PATT U L-QAWMIEN TA' KRISTU

***Mons Lawrenz Sciberras***

*"U Alla tas-sliem, li bis-saħħa tad-demm tal-patt ta' dejjem qajjem mill-imwiet lil Sidna Ġesù li hu r-Ragħaj il-kbir tan-nagħaġ, iwettaqkom b'kull ħaġa tajba biex tagħmlu r-rieda tiegħu; ħalli jagħmel hu fina dak li jogħġob lilu b'Ġesù Kristu, li lilu l-glorja għal dejjem ta' dejjem Ammen" (Lhud 13, 20-21).*

## Il-Patt ġdid

Dawn il-versi jirritornaw għas-suġġett dwar il-patt, imma taħt dawl ġdid u dan għaliex l-awtur tkellem minn "patt ta' dejjem". U preċiżament hawn toħroġ id-differenza! Din hija l-unika darba msemmi fit-Testment il-Ġdid. Diġà l-espressjoni "Alla tal-paċi" (sliem) għandha x'taqsam sħiħ mal-patt. Il-Mulej irrivela lilu nnifsu bħala Alla tas-sliem, meta fi Kristu irrikonċilja miegħu d-dinja u waqqaf il-Patt il-Ġdid. Hekk huwa warrab kull forma ta' firda u għażla.

Fit-tieni ittra lill-Korintin, naqraw hekk: "Kollox ġej minn Alla li ħabbibna miegħu nnifsu permezz ta' Kristu... Alla kien li ħabbeb il-ħolqien miegħu nnifsu permezz ta' Kristu bla ma qagħad iżomm il-kont ta' dnubietna u fdalna l-ministeru ta' din il-ħbiberija (2 Kor 5, 18-19). Alla huwa tassew Alla tas-sliem li jmexxi r-rikonċiljazzjoni u l-għaqda fost kulħadd. U bil-maqlub, fejn ma hemmx is-sliem u l-għaqda Alla ma għandux postu hemm!

L-indħil deċisiv ta' Alla tal-paċi l-awtur jiddeskrivih bi





kliem ġdid: L-awtur jitkellem mill-ewwel darba dwar il-qawmien ta' Kristu. F'din l-ittra lil-Lhud l-awtur tkellem ta' spiss mill-glorifikazzjoni ta' Kristu, mid-dħul tiegħu fis-Santwarju tas-sema, imbagħad ma tkellem xejn espliċitament mill-qawmien tiegħu. L-awtur tal-ittra jesprimi l-qawmien b'mod oriġinali ħafna, u mhux dak tradizzjonali. Huwa jsemmi s-silta tal-profeta Isaija fejn ifakkar fl-opri divini matul żmien l-Eżodu. Il-profeta jikteb: "U ftakru f'jiem l-imgħoddi: Mosè l-qaddej tiegħu. Fejn hu dak li ħeles mill-baħar, ir-ragħaj tal-poplu tiegħu? ... Dak li feraq il-baħar quddiemhom biex jagħmel għalih isem li jibqa' għal dejjem? Li mexxihom qalb il-mewġ u ma għotrux bħaż-żiemel fid-deżert?... Hekk int mexxejt il-poplu tiegħek biex tagħmel għalik isem glorjuż" (Is 63,11-14). F'din is-silta, il-profeta Isaija jsejjaħ lil Mosè "ir-

ragħaj tal-poplu" – il-poplu merħla ta' Alla. Il-Bibbja tas-Sebgħin (LXX) imbagħad ittraduċiet "ir-ragħaj tan-nagħaġ". Issa ġara li l-awtur tal-ittra naturalment jaqbad din l-espressjoni (ara Ġw 10,11.14) biex joħroġ għad-dawl is-superjorità qawwija ta' Ġesù f'relazzjoni ma' Mosè li huwa sempliċement "ir-ragħaj tan-nagħaġ", filwaqt li Ġesù huwa "ir-ragħaj il-kbir", "il-qassis il-kbir".

Pietru fl-ewwel ittra tiegħu meta jitkellem minn Kristu juża l-espressjoni "ir-Ragħaj il-Kbir" *archipoimēn* (1Pt 5,4). Issa hawn Pietru jrid ifakkar ukoll fil-Qassis il-Kbir *archiereus*. Is-superjorità ta' bejn Mosè u Ġesù qiegħda hawn: Filwaqt li Mosè mexxa u għadda l-poplu lejn art ta' din id-dinja minkejja li tnixxi iva ħalib u għasel, mela l-Art imwiegħda, Ġesù għamel il-mogħdija tiegħu mill-mewt għall-ħajja biex idaħħalna f'din l-eredità. Grazzi għal espressjonijiet l-awtur irid juri li l-qawmien ta' Ġesù mhux biss xi ġrajja individwali, Kristu qam biss għalih innifsu, iżda fl-istess ħin din hija ġrajja li tmissna lkoll, ġrajja universali tassew! Kristu gglorifikat bħala r-ragħaj tan-nagħaġ huwa dak li jiftaħ it-triq għan-nagħaġ, it-triq ta' ħajja ġdida, it-triq tal-qawmien. Kristu qam mill-mewt bħala "l-Awtur tas-Salvazzjoni" (Lhud 2,10), bħala "l-ewwel li qam mill-mewt" (Kol 1,18), bħala "l-ewwel fost dawk li raqdu" (1 Kor 15,20). Hawn għalhekk jidher l-aspett ekkleżjali ta' Kristu.

## Is-saħħa tad-demm

L-awtur jaħsadna waħda sew meta jikteb espressjoni tassew qawwija. Huwa jgħid li Alla qajjem mill-mewt lil Kristu "bis-saħħa tad-demm tal-patt ta' dejjem" (Lhud 13,20). X'ifisser dan kollu? L-awtur jattribwixxi, jew aħjar jagħti lid-demm ta' Kristu funzjoni deċisiva u qawwija għall-qawmien tiegħu. U għaliex dan jista' jsir? Minħabba r-rapport intimu li hemm bejn id-demm divin u l-Ispirtu. Grazzi għall-frażi: "... id-demm ta' Kristu, li bl-Ispirtu ta' dejjem offra lilu nnifsu ... inaddaf il-kuxjenzi tagħkom ..." (Lhud 9,14). Dan il-kliem joffrilna li nħarsu mod ieħor lejn il-qawmien l-ewwel dak ta' Ġesù mbagħad dak tagħna.

L-ewwel formuli ta' tagħlim tal-fidi Kristjana ħarġu għad-dawl il-kuntrast ta' bejn il-mewt ta' Ġesù u l-qawmien tiegħu. Kienu l-bnedmin li qatluh u Alla qajmu mill-mewt (Atti 3,15; 4,10). Aktar tard imbagħad wieħed beda jifhem li l-qawmien ta' Ġesù ġara permezz tal-Ispirtu s-Santu, bil-qawwa tiegħu. (Rum 1,4). Il-profeta Eżekjel, meta kien fl-eżilju ta' Babel wera li l-qawmien hija opra tal-Ispirtu: fid-dehra suġġestiva li kellu tal-għadam niexef, huwa kellu l-amar biex isejjaħ l-ispirtu *ruah,* in-nifs, ir-riħ l-Ispirtu, u dan sabiex jidħol fl-għadam u jerġa' jagħtih il-ħajja mill-ġdid. (Eżek 37,9). L-Ispirtu huwa n-nifs ta' Alla li jagħti l-ħajja.

Minn approfondiment fit-tagħlim ħareġ għad-dawl li l-azzjoni tal-Ispirtu ma bdietx sempliċement mal-qawmien iżda dehret matul il-ħajja ta' Ġesù u b'mod partikulari waqt il-passjoni. L-awtur tal-ittra lil-Lhud iwassalna biex nifhmu dan kollu. Ġesù talab b'leħen għoli lill-Missier u bħala tweġiba ta' dan kollu huwa rċieva bil-qawwa kollha minn għand il-Missier l-Ispirtu biex hekk seta' jibdel il-mewt proprja tiegħu, ġrajja ta' għajb, f'waħda ta' għaqda u barka. Hekk Ġesù qaleb kollox ta' taħt fuq. Il-mewt ta' Ġesù saret il-pedament tal-Patt il-Ġdid grazzi għall-azzjoni tal-Ispirtu. Id-demm ta' Ġesù ġie mixrub mill-Ispirtu s-Santu permezz tat-talb qawwi flimkien mal-ħlewwa lejn Alla Missieru. Hekk allura sar għajn ta' ħajja ġdida, għajn ta' qawmien tassew.

## Relazzjoni nifs – demm

Wieħed jista' jidħol aktar fil-fond dwar ir-relazzjoni bejn id-demm u l-Ispirtu skont it-Testment il-Qadim. Għal dik il-mentalità, d-demm kien qaddis, forsi aħjar sagru u dan għaliex ifisser il-ħajja hija rigal ta' Alla. U ħadd



ma għandu jedd fuq il-ħajja tal-bniedem! Il-Bibbja tgħallimna li fid-demm hemm in-*nefesh*, il-bidu tal-ħajja, l-infiħ ta' ħajja, ir-ruħ li tgħajjex il-ġisem. Anzi fid-Dewteronomju hemm kliem ċar u li jfisser ħafna fejn jgħidilna li d-demm sħiħ huwa n-*nefesh*. "Imma int għandek iżżomm sħiħ li ma tikolx id-demm, għax id-demm hu l-ħajja" (Dt 12,23). Mela minn dan il-kliem l-awtur sagru mhux jagħmel differenza bejn id-demm u l-ħajja.

Fi żminijietna x-xjenza kkonfermat din il-ħaġa bl-iskoperta tal-ossiġnu fid-demm. Hekk ikompli jiċċara kliem l-Iskrittura. Id-demm tagħna għandu rapport mill-qrib ħafna man-nifs tagħna. Biex ngħixu hemm il-bżonn li n-nifs tagħna jidħol fid-demm, jiġifieri l-arja li nieħdu din tidħol fid-demm, tagħna, tgħanih bl-ossiġnu li titfagħlu, biex l-ossiġnu jgħajjex iċ-ċelluli tal-ġisem. Mela hemm rabta l-aktar mill-qrib bejn in-nifs u d-demm, jew bejn l-Ispirtu u d-demm. Dan għaliex bil-Lhudi l-istess kelma *ruah* tfisser nifs u spirtu.

Dawn l-elementi qabadhom u daħal aktar fil-fond dwarhom l-awtur tal-ittra lil-Lhud; huwa jurina rabta qawwija ħafna bejn id-demm ta' Kristu u l-Ispirtu s-Santu. F'dan il-każ mhix kwistjoni ta' fenomenu bioloġiku imma realtà spiritwali. Hekk kif aħna naspiraw l-arja biex nimtlew bl-ossiġnu, id-demm hekk jagħmilna kapaċi biex ngħixu flimkien mal-ġisem. Hekk ġara minn Kristu fil-passjoni. Hu grazzi għat-talb tiegħu li huwa "nefaħ fuqna" l-Ispirtu s-Santu. "Kollox hu mitmum! Mbagħad mejjel rasu u radd ruħu" jew radd l-ispirtu *tò pneûma* (Ġw 19,30).

Ġesù talab u xxennaq u rċieva l-Ispirtu s-Santu, tant li daħal fih u mbuttaħ-mexxih biex joffri l-ħajja tiegħu f'għotja sħiħa ta' mħabba. Nistgħu ngħidu li fil-passjoni, d-demm ta' Kristu nxtorob (f'sens metaforiku) mill-Ispirtu s-Santu, tant li akkwista dik il-kapaċità li jikkomunika ħajja ġdida u li jibni l-Patt Ġdid. Permezz tal-Ispirtu s-Santu, l-passjoni għamlet min-natura umana ta' Kristu, u speċjalment mid-demm tiegħu, dak l-istrument li jgħaddilna l-Ispirtu s-Santu.

Dan it-tagħlim qiegħed ukoll fir-raba' Vanġelu. Ġwanni jurina r-relazzjoni sħiħa li hemm bejn il-passjoni ta' Ġesù u d-don tal-Ispirtu s-Santu. Meta Ġesù qal: "Missier waslet is-siegħa sebbaħ lill-iben tiegħek, sabiex ibnek isebbħek" (Ġw

17,1), dan il-kliem qed jirreferi għall-passjoni; u li minħabba fiha l-Missier jigglorifika lill-Iben grazzi għad-don abbundanti tal-Ispirtu s-Santu.

Mela naraw kemm il-qawmien ta' Kristu għandu rapport speċjali mad-demm divin tiegħu u li d-demm tiegħu jikkomunika lilna l-ħajja ġdida ta' Kristu rxoxtat, u jgħajjixna grazzi għar-relazzjoni li għandu mal-Ispirtu s-Santu.

"U Alla tas-sliem.... wettaqkom b'kull ħaġa tajba, biex tagħmlu r-rieda tiegħu; ħalli jagħmel hu fina dak li jogħob lilu b'Ġesù Kristu" (Ld 13,21). Hawn jidher element qawwi tassew u li qiegħed fil-Patt il-Ġdid meta aħna nirċievu l-azzjoni ta' Alla. Matul żmien it-Testment il-Qadim Alla kien jippreskrivi dak li l-bniedem kellu jagħmel. U dan kien isir permezz tal-liġi esterna. Dan it-tip ta' patt ma ħadimx, ma tax frott meħtieġ, għaliex il-bniedem mhux kapaċi bil-forzi tiegħu biss li jkomplu r-rieda ta' Alla. Għalhekk Alla ried iwaqqaf alleanza ġdida, meta wiegħed li jikteb il-liġi tiegħu fil-qalb tal-bniedem (Ġer 31,33), u li jagħtih qalb ġdida u Spirtu ġdid (Eżk 36,26-27).

Dan għalhekk ifisser li matul żmien il-Testment il-Ġdid dak li se jieħu inizjattiva huwa Alla! Aħna għandna nilqgħu l-azzjonijiet tiegħu. Dak li nagħmlu aħna huwa ġej minn Alla, u nilqgħuh bil-fidi u gratitudni. "Alla hu li jaħdem fikom u jġegħelkom tridu u tħabirku biex tagħmlu dak li jogħġob lilu" (Fil 2,13). Għaliex hekk kif Ġesù irċieva l-opri tiegħu mill-Missier, hekk ukoll aħna għandna nirċievu l-opri tagħna minn għand Ġesù. Huwa għandu mhux biss jgħix fina, imma wkoll jaħdem fina u magħna. Aħna magħqudin fih bħal friegħi tad-dielja. "Kif il-fergħa ma tistax tagħmel frott minnha nfisha jekk ma tibqax fid-dielja, hekk anqas intom jekk ma tibqgħux fija." (Ġw 15,4).





# ĠESÙ KRISTU WIĊĊ IL-ĦNIENA TAL-MISSIER

***Fr Marcello Ghirlando***

Il-Bulla tal-Indizzjoni tas-Sena tal-Ġublew tal-Ħniena kienet bdiet bil-kelma qawwija tal-Papa Franġisku, "Ġesù Kristu hu wiċċ il-ħniena tal-Missier". Dan il-ħsieb ikompli jiżviluppah fin-numru 8 tal-istess Bulla *Misericordiae Vultus,* fejn jitkellem mill-persuna u l-ħidma ta' Ġesù bħala espressjoni tal-ħniena tal-Missier u tal-parabboli tal-ħniena li jgħallem l-istess Ġesù.

Ejjew illum inġibu quddiem għajnejna dak li jikteb il-Papa fl-ewwel parti tan-numru 8: "Bil-ħarsa tagħna msammra fuq Ġesù u l-wiċċ ħanin tiegħu nistgħu nilqgħu l-imħabba tat-Trinità Qaddisa. Il-missjoni li Ġesù rċieva mingħand il-Missier kienet dik li juri l-misteru tal-imħabba divina fil-milja kollha tagħha. "Alla hu Mħabba" (1 Ġw 4:8, 16), jistqarr għall-ewwel u l-unika darba fl-Iskrittura Mqaddsa kollha l-evanġelista Ġwanni. Din l-imħabba issa dehret u nistgħu mmissuha b'idejna fil-ħajja kollha ta' Ġesù. Il-persuna tiegħu mhix ħlief imħabba, imħabba li tingħata b'xejn. Ir-relazzjonijiet tiegħu mal-persuni li jersqu lejh jikxfu xi ħaġa unika u irripetibbli. Is-sinjali li jwettaq, fuq kollox mal-midinbin, mal-foqra, l-imwarrbin, il-morda u l-imġarrbin, huma kollha f'isem il-ħniena tiegħu. Fih kollox jitkellem dwar il-ħniena. M'hemm xejn fih li m'għandux ħniena".

Quddiem dan il-kliem qawwi tal-Papa jiena saqsejt lili nnifsi: Ġesù bħala l-Iben ta' Alla magħmul bniedem bħalna f'kollox, barra d-dnub, għamel hu stess esperjenza tal-ħniena u tal-imħabba ta' Alla l-Missier għalih? Biex seta' jkun "il-wiċċ kollu ħniena ta' Alla l-Missier", Ġesù nnifsu tlaqqam kompletament f'din il-ħniena ta' Alla li xprunatu biex jaqdi l-missjoni tiegħu kollha?

Naħseb li diversi huma s-siltiet li jikkonfermaw il-fatt li Ġesù nnifsu għamel esperjenza profonda tal-ħniena tal-Missier għalih. Biżżejjed, per eżempju, inġibu quddiem għajnejna d-diversi siltiet fejn Ġesù jfittex li jingħabar fit-talb, talb li jsir esperjenza tal-imħabba u tal-ħniena anke tal-Missier għalih: "...ħareġ lejn l-għoljiet biex jitlob, u għadda l-lejl fit-talb lil Alla" (Lq 6:12).

Jidhirli li s-silta li biha l-evanġelisti sinottiċi jippreżentaw il-magħmudija ta' Ġesù minn Ġwanni tista' tikkonferma dak li qed ngħidu b'mod ċar ħafna. Hekk, per eżempju, jikteb San Luqa: "Ġara li, wara li tgħammed il-poplu kollu,






Ġesù tgħammed ukoll u, waqt li kien qiegħed jitlob, is-smewwiet infetħu, u niżel l-Ispirtu s-Santu u deher fuqu fis-sura ta' ħamiema. U mis-sema ġie leħen jgħid: 'Inti Ibni l-għażiż; fik sibt l-għaxqa tiegħi.'" (3:21-22).

Ġwanni l-Battista kien qed jippriedka u jagħti magħmudija ta' konverżjoni. Il-ħasla bl-ilmijiet tal-Ġordan kien ġest li bih il-Lhud li laqgħu l-kelma qawwija tiegħu taw sinjal li riedu jbiddlu l-ħajja tagħhom huma u jħejju biex jilqgħu l-Messija. Il-magħmudija ta' ndiema kienet sinjal ċar li riedu jħejju t-triq tal-Mulej.

Ġesù ma kellux bżonn dan is-sinjal għaliex hu kien bla dnub. Imma ried jieħu sehem fih, b'qawwa. San Mattew hekk jikteb: "Imbagħad ġie Ġesù mill-Galilija lejn il-Ġordan għand Ġwanni biex jitgħammed minnu. Imma Ġwanni ma

ħalliehx, u qallu: 'Jien hu li jeħtieġ li nitgħammed minnek, u int tiġi għandi?' Ġesù qallu: 'Inti għalissa ħallik minn dan, għax hekk jixraq nagħmlu biex intemmu s-sewwa kollu'. Imbagħad Ġwanni ħallieh jitgħammed." (3:13-15). Jidher li Ġesù kien fehem x'kellha tkun il-missjoni tiegħu; li jitgħabba bid-dnubiet kollha tal-bnedmin biex jeqred is-setgħa tad-dnub bil-qawwa tas-sagrifiċċju tiegħu fuq is-salib. Jinżel għalhekk fl-ilmijiet tal-Ġordan diġa' mgħobbi bil-piż tad-dnubiet tal-umanità; in-natura dgħajfa u midinba tal-bnedmin kollha, natura li biha tlibbes Ġesù bil-qawwa tal-misteru tal-Inkarnazzjoni, tokrob għall-ħniena ta' Alla fil-persuna ta' Ġesù. Hija minħabba din il-karba għall-ħniena li Ġesù jinżel b'sinjal ta' ndiema f'isem il-bnedmin fl-ilmijiet tax-xmara Ġordan. Hekk itemm is-sewwa kollu, kif jistqarr huwa stess.

Huwa proprju għalhekk, f'mument li Ġesù kien imlaqqam fit-talb, li huwa jitgħammed. Jiġi kkonsagrat bl-Ispirtu s-Santu li jidher fis-sura ta' ħamiema. F'dak il-mument tal-għaġeb Ġesù jagħmel esperjenza tal-għaġeb tal-ħniena u tal-imħabba ta' Alla għalih. Jagħmel esperjenza tal-ħniena infinita tal-Missier għall-bnedmin kollha, midinba u miġbura fil-persuna umana tiegħu. Jagħmel esperjenza li titnaqqax fl-eżistenza umana tiegħu u li tixprunah għall-missjoni tiegħu. It-tgħanniqa ta' mħabba u ta' ħniena tesprimi ruħha fil-kelma qawwija tal-Missier li tidwi f'xatt ix-xmara Ġordan: "Inti ibni l-għażiż; fik sibt il-għaxqa tiegħi." Hija tgħanniqa ta' mħabba u ħniena, manifestazzjoni tal-imħabba tal-Missier għal Ibnu l-waħdieni, mħabba li twelled mħabba u ħniena fil-qalb ta' Kristu għall-Missier tas-sema, mħabba li tħeġġeġ mħabba u ħniena lejn il-bnedmin kollha. Hija tgħanniqa ta' mħabba li tidher b'mod viżibbli fl-Ispirtu s-Santu jittajjar fuq l-ilmijiet tal-Ġordan. Hija tgħanniqa ta' mħabba





li tagħti l-ħajja, titrasforma l-missjoni kollha tal-Iben ta' Alla magħmul bniedem fi tweġiba għall-imħabba u l-ħniena tal-Missier.

Minn dakinhar 'il quddiem, matul il-ministeru pubbliku kollu tiegħu sas-salib, "fih kollox jitkellem dwar il-ħniena. M'hemm xejn fih li m'għandux ħniena".

Ġesù għaraf sewwa dan kollu. Naħseb li dan jista' jiġi kkonfermat mid-diskors programmatiku li hu jagħmel dakinhar fis-sinagoga tar-raħal tiegħu, Nazaret. Hekk jikteb San Luqa: "U ġie Nazaret fejn kien trabba. Daħal fis-sinagoga tagħhom, kif kien imdorri jagħmel nhar ta' Sibt, u qam biex jaqra. Tawh f'idejh il-ktieb ta' Isaija l-profeta, fetħu u sab fejn kien hemm miktub dan li ġej: 'L-Ispirtu tal-Mulej fuqi, għax hu kkonsagrani. Bagħatni nħabbar il-ħelsien lill-imjassrin, inwassal il-bxara t-tajba lill-fqajrin, u d-dawl mill-ġdid lill-għomja, irrodd il-ħelsien lill-maħqurin u nxandar sena tal-grazzja tal-Mulej'. Imbagħad raġa' għalaq il-ktieb, tah lura lill-qaddej u qagħad bilqiegħda. Għajnejn kulħadd fis-sinagoga kienu msammra fuqu. U beda jgħidilhom: 'Din il-kitba seħħet illum, intom u tisimgħu'" (4:16-21).

Il-ħniena tremenda li Ġesù tagħha kien għamel esperjenza fil-magħmudija tiegħu issa ssir il-programm ta' ħidmietu fost il-bnedmin. Għaraf li kellu fih din il-qawwa, id-dilka tal-Ispirtu s-Santu, biex ixandar l-bxara t-tajba lill-fqajrin, bxara t-tajba li kellha tidher bid-deher fil-fejqan u l-ħelsien li kellu joffri lil ħafna fit-tliet snin tal-ministeru pubbliku tiegħu, fejqan u ħelsien li kellhom jiġu ssiġġillati għall-bnedmin kollha bil-ġrajja tas-salib u l-qawmien tiegħu. Dan kollu, għal Ġesù, kien, kif kiteb Isaija seklu qabel, il-missjoni tiegħu: li jxandar is-sena tal-grazzja tal-Mulej. Is-sena tal-grazzja hija s-sena tal-Ġublew, is-sena tal-ħniena li l-Lhud kienu jiċċelebraw kull ħamsin sena (Lev 25:10-13). Hija s-sena fejn il-bniedem jitlaqqam mill-ġdid fil-ħniena immensa tal-Missier Alla u minnu jitgħallmu juru ħniena mal-oħrajn, saħansitra ma' "ommna u oħtna l-art".

Huwa proprju f'dan id-dawl li n-numru 8 tal-*Misericordiae Vultus* itenni: "Quddiem il-kotra ta' nies li kienet timxi warajh, meta ra li kienu għajjenin u mitluqin, mitlufin u bla ħadd min imexxihom, Ġesù ħassu jitqanqal minn qiegħ qalbu għalihom (ara Mt 9:36). B'din l-imħabba kollha ħniena hu fejjaq il-morda li kienu jressqulu quddiemu (ara Mt 14:14), u bi ftit ħobż u ħutiet tema' ġmiegħi kbar (ara Mt 15:37). Dak li lil Ġesù kien imexxih fiċ-ċirkustanzi kollha ma kienx ħlief il-ħniena, li biha kien jaqra fil-qlub ta' min kien ikollu quddiemu u jwieġeb għall-aktar bżonn veru tagħhom. Meta ltaqa' mal-armla ta' Najm li kienet qed twassal lill-iben il-waħdieni tagħha lejn il-qabar, tqanqal bil-kbir għal dak l-uġigħ immens tal-omm li kienet qed tibki, u taha lura lil binha billi qajmu mill-mewt (Lq 7:15). Wara li ħeles lill-imxajtan ta' Ġerasa, jafdalu din il-missjoni: "Mur inġabar id-dar ma' niesek, u għidilhom kulma għamel miegħek il-Mulej, u kif ħenn għalik" (Mk 5:19). Anki s-sejħa ta' Mattew tidħol f'dan ix-xefaq tal-ħniena. Hu u għaddej minn quddiem il-mejda tat-taxxi, għajnejn Ġesù ħarsu msammra f'dawk ta' Mattew. Kienet ħarsa mimlija ħniena li ħafret id-dnubiet ta' dak ir-raġel u, rebbieħ fuq ir-reżistenzi tad-dixxipli l-oħra, għażel lilu, il-midneb u pubblikan, biex isir wieħed mit-Tnax. San Beda l-Venerabbli, meta jikkummenta dik ix-xena tal-Vanġelu, kiteb li Ġesù ħares lejn Mattew bi mħabba ħanina u għażlu: *miserando atque eligendo.* Dejjem laqtitni din l-espressjoni, tant li għażiltha bħala l-motto tiegħi".

Ix-xandira tas-sena tal-grazzja tal-Mulej, tal-ħniena infinita tiegħu ssir il-pern tal-ħajja ta' Ġesù, issir il-pedament ta' dik il-kelma mxandra minnu: "U lkoll laqgħu kliemu u stagħġbu għall-kliem mimli ħlewwa li kien ħiereġ minn fommu" (Lq 4:22). Għal din ir-raġuni hekk jikkumenta l-Papa fuq it-tagħlim u l-parabboli ta' Ġesù f'*Misericordiae Vultus* numru 9: "Fil-parabboli ddedikati lill-ħniena, Ġesù juri n-natura ta' Alla bħala dak ta' Missier li qatt ma jgħodd ruħu mirbuħ sakemm ma jkunx xejjen id-dnub u għeleb ir-rifjut, bil-kompassjoni u l-ħniena... Ġesù jafferma li l-ħniena mhix biss l-għemil tal-Missier, imma ssir il-kriterju biex nistgħu nifhmu min huma l-ulied veri tiegħu. F'kelma waħda, aħna msejħin biex ngħixu bil-ħniena, għax qabel xejn kien magħna stess li ntweriet il-ħniena". Anke f'dan kollu, "Ġesù Kristu hu wiċċ il-ħniena tal-Missier".





# IT-TALB FIR-RAKKONT TAT-TWELID U TAT-TFULIJA TA' ĠESÙ

***Rev Dr Martin Micallef OFMCap***

Fir-rakkonti tat-twelid u tat-tfulija ta' Ġesù, hekk kif inhuma rrakkuntati mill-Evanġelista San Luqa, jispikkaw fost l-oħrajn tliet Kantiċi, jew aħjar tliet talbiet li huma mimlija teoloġija. Dawn huma dawk li fit-tradizzjoni nisranija baqgħu magħrufin bħala l-*Magnificat* (Lq 1:46-55); il-*Benedictus* (Lq 1:68-79); u n-*Nunc Dimittis* (Lq 2:29-32). Dawn it-tliet Kantiċi jissejħu hekk minħabba l-ewwel kelma rispettiva tagħhom fit-test Latin (il-Vulgata). Mhuwiex l-għan

tagħna f'dan l-artiklu li nidħlu fid-dettalji tal-istruttura, l-awturi, l-oriġini u mudelli ta' dawn il-Kantiċi. Minflok se nisiltu xi riflessjonijiet li jistgħu jgħinuna nkomplu nifhmu u napprezzaw dawn it-tliet Kantiċi li jagħmlu parti integrali mit-tema tat-talb kif hija żviluppata bħala parti min-narrativa ta' San Luqa.

## Il-*Magnificat*

Il-*Magnificat,* l-ewwel fost dawn it-tliet Kantiċi, huwa ppreżentat wara l-episodju tat-tħabbira tal-anġlu lil Marija. Fil-fatt, l-ewwel żewġ episodji li San Luqa ħallielna fin-narrativa tiegħu huma żewġ tħabbiriet li jsiru mill-anġlu Gabrijel. L-ewwel tħabbira li sseħħ fuq livell solenni, issir lil Żakkarija, saċerdot li kien qed jaqdi dmirijietu fit-Tempju ta' Ġerusalemm waqt il-ħin tal-ħruq tal-inċens (ara Lq 1:5-25) waqt li "il-kotra kollha tal-poplu kienet qiegħda titlob barra" (v.10).

F'kuntrast ma' din it-tħabbira, dik ta' warajha, hija mgeżwra kollha kemm hi fil-faqar (ara Lq 1:26-38). Fil-fatt, din it-tħabbira ma ssirx lil saċerdot bħal fil-każ ta' Żakkarija, imma lil tfajla jisimha Marija li kienet toqgħod f'Nazaret, raħal li ma tantx jidher li kien igawdi fama tajba (ara Ġw 1:46).[1]

Immedjatament wara dawn iż-żewġ tħabbiriet insibu l-episodju taż-żjara ta' Marija lill-qariba tagħha Eliżabetta (ara Lq 1:39-56). F'dan l-episodju, li bħal dak taż-żewġ tħabbiriet, insibuh irrakkuntat biss fl-Evanġelju skont San Luqa, jinħass ħafna l-element ta' ferħ. Imqar Ġwanni l-Battista, li kien għadu tarbija f'ġuf ommu Eliżabetta, jaqbeż bil-ferħ hekk kif "Eliżabetta semgħet lil Marija ssellmilha" (v.41). Dan l-aspett ta' ferħ jinħass ukoll fil-persuna ta' Marija fejn għat-tislima ta' Eliżabetta li sejħitilha "hienja" għax "emmnet dak li jseħħ kulma bagħat jgħidilha l-Mulej" (v.45), Marija tinfexx f'innu ta' ferħ li nistgħu nqisuh bħala l-itwal kliem li Marija ttenni fl-Evanġelju.

Fl-ewwel parti ta' dan il-Kantiku, jiġifieri, minn versi 46 sa 50, għandna splużjoni ta' verbi li jesprimu l-ferħ ta' Marija. Fit-tieni parti, imbagħad, jiġifieri, minn versi 51 sa 55, għandna deskrizzjoni jew aħjar paralleliżmu antitetiku li jippreżenta b'mod konkrett dak li l-Mulej Alla wettaq matul l-istorja.[2]

Marija titlaq mill-istorja tagħha li fiha hija tagħraf kif "is-setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar" (v.49), biex imbagħad hija tinterpreta l-istorja ta' Israel permezz ta' verbi li juru lil Alla bħala "is-salvatur" tagħha: "Hu *wera* l-qawwa ta' driegħu … *xerred* lil dawk li huma mkabbra f'qalbhom … *niżżel* is-setgħana minn fuq it-tron tagħhom … *għolla* ċ-ċkejknin … *mela* b'kull ġid lil min hu bil-ġuħ … l-għonja *bagħathom* 'il barra





b'xejn. Ħ*a* ħ*sieb* Israel … għax *ftakar* fil-ħniena tiegħu" (vv. 51-54).

Nistgħu nqisu, mela, din it-talba ta' Marija bħala deskrizzjoni u ċelebrazzjoni ta' Alla. Fil-fatt, f'dan il-Kantiku, San Luqa juri lil Marija bħala persuna li għamlet esperjenza ta' Alla. Mhux biss, imma permezz ta' din it-talba ta' tifħir, Marija hija ppreżentata bħala waħda mill-*anawim,* il-fqar fl-ispirtu,[3] li qiegħdet il-fiduċja kollha tagħha f'Alla.

## Il-*Benedictus*

Wara l-Kantiku ta' Marija, San Luqa jgħaddi biex jagħtina l-kontenut tat-tieni Kantiku, il-*Benedictus* (Lq 1:68-79). L-evanġelista jqiegħed dan

il-Kantiku fuq fomm Żakkarija, ir-raġel ta' Eliżabetta fl-okkażjoni tat-twelid ta' binhom, li jingħata l-isem ta' Ġwanni skont l-ordni li Żakkarija nnifsu kien irċieva mingħand l-anġlu (ara Lq 1:13).

Bħall-Kantiku ta' Marija, hekk ukoll dak ta' Żakkarija jibda b'nota ta' tifħir: "Imbierek il-Mulej Alla ta' Israel, għaliex ġie jżur u jifdi l-poplu tiegħu" (v.68). Mhux biss, imma bħal fil-każ tal-Kantiku ta' Marija, hekk ukoll il-Kantiku ta' Żakkarija jagħtina r-raġunijiet l-għala dan is-saċerdot xwejjaħ kien qed ifaħħar lil Alla. Dan iseħħ permezz tal-użu tal-kelma 'għaliex' [bil-Grieg: *hoti*] – "għaliex" [il-Mulej] ġie jżur u jifdi lill-poplu tiegħu" (v.68).

Żakkarija mhux biss jagħmel ġabra fil-qosor tal-messaġġ tal-anġlu Gabrijel billi jiddeskrivi lil Ġwanni bħala profeta li kellu jmur "qabel il-Mulej biex iħejjilu triqatu" (v.76), iżda jiċċelebra wkoll it-twettiq tal-wegħdiet li Alla kien għamel ma' Abraham u David. B'danakollu, għalkemm il-*Benedictus* iwieġeb għall-mistoqsija ta' x'għad ikun Ġwanni (vv 66.76-77), dan il-Kantiku jikkonċentra fuq il-Messija aktar milli fuq Ġwanni.

B'dan il-mod, San Luqa rnexxielu jgħaqqad flimkien il-*Benedictus* mal-*Magnficat* b'temi li nsibuhom preżenti fiż-żewġ Kantiċi. Hekk, per eżempju, it-tema tas-salvazzjoni mogħtija minn Alla diġà msemmija fil-*Magnificat* – "u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla *s-Salvatur* tiegħi" (1,47) – insibuha wkoll mill-inqas tliet darbiet oħra fil-*Benedictus*, meta Żakkarija jtenni li Alla "waqqaf għalina qawwa ta' *salvazzjoni* f'dar David qaddej tiegħu" (v.69); "biex *isalvana* mill-għedewwa tagħna" (v.71); "u tgħarraf lill-poplu tiegħu *bis-salvazzjoni* permezz tal-maħfra ta' dnubiethom" (v.77).

Hekk ukoll it-tema tal-ħniena ta' Alla. Fil-*Magnificat,* Marija ttenni: "*Il-ħniena tiegħu* tinfirex f'kull żmien …" (v.50); "Ħa ħsieb Israel qaddej tiegħu, għax ftakar *fil-ħniena tiegħu"* (v.54). Din l-istess tema, imbagħad, issib l-eku tagħha fil-*Benedictus* meta Żakkarija jgħid: "B'hekk



juri ħ*niena* ma' missirijietna …" (v.72); "mogħtija mill-qalb ħ*anina* ta' Alla tagħna" (v.78).

Min-naħa l-oħra, il-*Benedictus* jintroduċi temi oħra, bħal dik tad-dawl – "mogħtija mill-qalb ħanina ta' Alla tagħna, li mill-għoli jiġi jżurna bħax-xemx tielgħa; u *jdawwal* lil min jinsab fid-dlamijiet u d-dell tal-mewt" (vv.78-79). Hekk ukoll it-tema tal-paċi hija tema ġdida: "u jmexxi l-passi tagħna fit-triq *tas-sliem*" (v.79).

Dawn iż-żewġ temi, San Luqa mbagħad jirrepetihom fit-tielet Kantiku, il-Kantiku ta' Xmun jew kif inhu magħruf in-*Nunc Dimittis.*

## In-*Nunc Dimittis*

Il-Kantiku tan-*Nunc Dimittis* ippreżentat f'erba' versi (Lq 2:29-32) jagħmel parti mill-episodju tal-preżentazzjoni ta' Ġesù fit-Tempju (vv. 22-40). F'dan l-episodju li jirrakuntah biss San Luqa, jispikka l-kuntrast bejn ix-xwejjaħ Xmun u t-tarbija Ġesù.



Xmun laqa' fuq dirgħajh lil Ġesù, ġest li bħal donnu jurina li Xmun kien jaf li f'dak il-ħin kien qed jgħannaq miegħu l-futur tal-poplu tiegħu. Xmun kien ittama għal dak il-waqt li issa kien wasal tassew.[4] Hekk fil-fatt jibda dan il-Kantiku, permezz tal-kelma 'issa" – bil-Grieg: *nun* – "*Issa,* o Sid, tista' tħalli l-qaddej tiegħek imur fis-sliem, skont kelmtek" (Lq 2:29).

Il-kelma "issa" ħafna drabi tintuża fl-Iskrittura sabiex tesprimi l-waqt li fih Alla juri lilu nnifsu lill-persuni msemmija. Bl-użu ta' din il-kelma fil-bidu ta' dan it-tielet Kantiku, San Luqa mela, bħal donnu ried jippreżenta t-talba ta' Xmun fit-Tempju bħala waħda li titlaq mill-waqt preżenti jew aħjar, mill-esperjenza ta' Xmun, li bħal Marija fil-*Magnificat,* jippreżenta lilu nnifsu bħala "qaddej" jew "skjav" tal-Mulej, kif turi l-kelma użata bil-Grieg: *doulos* (1:38; 2:29).[5]

L-istruttura ta' dan il-Kantiku li bih Xmun "bierek lil Alla" (2:28) hija waħda pjuttost sempliċi. L-ewwel għandna imperattiv: "Issa o Sid, tista' *tħalli* l-qaddej tiegħek imur fis-sliem."

Wara jingħataw ir-raġunijiet l-għala: "*għaliex* għajnejja raw is-salvazzjoni tiegħek, li int ħejjejt għall-popli kollha, dawl biex idawwal il-ġnus, u glorja tal-poplu tiegħek Israel" (vv.30-32). Xmun kien ra l-poplu tiegħu umiljat, iżda dak li fih kien ittama, jiġifieri, il-Mulej Alla bħala Salvatur "issa" kien qed "jarah" tassew quddiemu bħala dak li ġie biex iġib miegħu s-salvazzjoni mwiegħda.

"Is-salvazzjoni" li għaliha Xmun bierek lil Alla, tema ċentrali f'Luqa-Atti[6] li titlaħħam permezz ta' tant ġrajjiet li fihom jissemmew bosta personaġġi pagani li jilqgħu s-salvazzjoni ta' Alla mogħtija lilhom minn Ġesù u l-messaġġ tiegħu mwassal permezz tal-appostli wara t-tlugħ tiegħu fis-sema.

Kif rajna, mela, f'dawn it-tliet Kantiċi li nsibu fil-bidu tal-Evanġelju skont San Luqa, għandna diġà ħajja din it-tema tat-talb li tibqa' tiġri fil-paġni ta' dan l-Evanġelju kif ukoll fit-tieni volum li kiteb, l-Atti tal-Appostli. F'dawn it-tliet Kantiċi, fuq kollox insibu s-sens ta' gratitudni u ta' tifħir għal dak li l-Mulej Alla kien qed iwettaq permezz ta' Ibnu Ġesù li sar bniedem bħalna biex permezz tiegħu aħna nkunu salvi.

## Referenzi

1 Għal aktar dettall fuq il-kuntrast li San Luqa joħloq bejn dawn iż-żewġ tħabbiriet li hu jippreżentahom immedjatament wara xulxin, ara P. Borgmam, *The Way According to Luke: Hearing the Whole Story of Luke-Acts*, Grand-Rapids/MI – Cambridge 2006, 19-25. Ara wkoll E.D. Freed, *The Stories of Jesus' Birth: A Critical Introduction*, Sheffield 2001, 107-135.

2 Bosta huma l-istudji fuq il-*Magnificat*. Ara per eżempju, T.F. Ossanna, *Il 'Magnificat' canto e rivelazione*, Bologna 1991; S. Farris, *The Canticles of Luke's Infancy Narrative: The Appropriation of a Biblical Tradition*, in *Into God's Presence, Prayer in the New Testament*, ed. R.N. Longenecker, Grand Rapids/MI – Cambridge 2001, 91-112.

3 Fuq dan il-punt ara, R.E. Brown, *The Birth of the Messiah: A Commentary on the Infancy Narratives in the Gospels of Matthew and Luke*, New York – London 1977, 353, n.45.

4 Fuq dan l-episodju, ara, O.Battaglia, *La Madre del mio Signore: Maria nei Vangeli di Luca e di Giovanni*, Assisi 1994, 173-212.

5 Dan hu l-istess atteġġjament ta' tant persuni oħra li jissemmew fl-Iskrittura. Ara, per eżempju, Salm 27:9; 2 Kron 6:23; Atti 4:29.

6 Fuq iċ-ċentralità tat-tema tas-salvazzjoni f'Luqa-Atti, ara, *Witness to the Gospel: The Theology of Acts*, ed. I.H. Marshall – D.Peterson, Grand Rapids/MI – Cambridge 1998.





# MONASTERI FID-DEŻERT TAL-LHUDIJA: IL-MONASTERI TA' SAN THEODOSIUS U TA' SAN THEOCTISTUS

***Noel Muscat ofm***

## Il-Monasteru ta' San Theodosius (Dejr Dausi)

Int u sejjer minn Betleħem lejn Ubeidiya, fit-triq li tmur lejn Abu Dis fil-Palestina, jew inkella lejn Mar Saba, tiltaqa' fil-quċċata tal-għolja mal-Monasteru ta' Mar Theodosius, jew San Teodosju, bl-Għarbi magħruf bħala *Dejr Dausi*, antikament wieħed mill-monasteri tad-deżert

tal-Lhudija, imma llum mhux daqstant maqtugħ minħabba li jinsab qrib ir-raħal mdaqqas ta' Ubeidiya.

Theodosius il-Kbir, magħruf ukoll bħala Theodosius iċ-Ċenobjarka, għex bejn is-snin 432 u 529, u hu meqjus bħala wieħed mill-fundaturi ewlenin tal-ħajja ċenobitika jew monastika fl-Orjent. Il-Monasteru li jġib ismu u fejn hu midfun inbena għall-ewwel darba fis-sena 476. Theodosius jitfakkar mill-Knisja Ortodossa fil-11 ta' Jannar.

Theodosius twieled fil-provinċja tal-Kappadoċja, fir-raħal ta' Mogarissus (Turkija) minn ġenituri nsara fl-epoka Biżantina. Ta' żagħżugħ mar fil-Palestina, fejn daħal f'kuntatt ma' diversi rħieb qaddisa.

Fosthom iltaqa' mal-famuż Simeon (Xmun) l-iStilita, meta kien għadda minn Antjokja fi triqtu lejn il-Palestina. Xmun l-iStilita kien eremita li għex ħajtu kollha fuq kolonna fid-deżert tas-Sirja, fejn illum għad hemm il-fdalijiet ta' bażilika majestuża li tfakkar lil dan l-eremit qaddis.

Billi kien jixtieq jgħix ħajja solitarja Theodosius mar jgħix ġo għar li fih, skont it-tradizzjoni, it-Tliet Slaten Maġi daħlu jistkennu bil-lejl, wara li telqu minn Betleħem u, skont l-ordni tal-anġlu tal-Mulej, kienu sejrin lura lejn arthom minn triq oħra biex jevitaw lil Erodi. F'dan l-għar Theodosius dam jgħix ħajja axxetika ta' penitenza għal tletin sena. Din il-ħajja solitarja għexha fl-għar ta' Metopa, qrib Betleħem.

F'dan il-post ingħaqdu miegħu diversi eremiti oħrajn u fis-sena 470 hu ħass li kien hemm bżonn li jsib post fejn ikun jista' jiġborhom f'monasteru. Talab lill-Mulej jurih post, ħa f'idejh ċensier u beda miexi fid-deżert. F'ċertu post iċ-ċensier beda jaqbad waħdu u hemmhekk Theodosius fehem li kellu jwaqqaf l-ewwel *cenobium* jew monasteru.

Kien f'dan il-perjodu li l-ħabib ta' Theodosius, San Saba, kien ġie maħtur Arċimandrita tal-monaċi kollha tal-Palestina mill-Patrijarka Sallustius ta' Ġerusalemm (486-493). Theodosius sar il-kap tal-monaċi kollha li kienu jgħixu fil-monasteri jew ċenobji. Kien għalhekk li ssejjaħ iċ-Ċenobjarka







(patrijarka taċ-ċenobiti jew monaċi).

Il-*Laura* ta' Theodosius malajr saret magħrufa u kienet tiġbor fiha mas-700 irħieb. Kienet komunità tasserw ekumenika, għax kienet tiġbor fi ħdanha monaċi Griegi, Slavi u Armeni, li kienu jiċċelebraw il-liturġija bl-ilsna diversi tagħhom. Imma Theodosius kien irid li, meta tiġi ċċelebrata l-Liturġija Divina (Ewkaristija) din kellha tiġi ċċelebrata bil-Grieg skont ir-Rit Biżantin. Theodosius kien magħruf għall-karità kbira tiegħu mal-foqra. Meta darba minnhom kien hemm għaks u ġuħ kbir u bosta persuni foqra ġew iħabbtu l-bibien tal-monasteru hu ordna li jinfetħu l-bibien u jitħallew jidħlu. Għalkemm



ma kienx hemm ħobż għal kulħadd, b'miraklu nstab ħobż biżżejjed biex jitimgħu lil dawk in-nies bil-ġuħ.

Theodosius kien ukoll difensur kbir tal-Ortodossija u speċjalment ħadem kontra l-ereżija tal-Monfisiti, li kienu jiċħdu d-duttrinta tal-Konċilju ta' Kalċedonja dwar li Kristu għandu żewġ naturi, dik divina u dik umana. Għal din il-ħeġġa tiegħu hu sofra l-eżilju mill-Imperatur Biżantin Anastasius I fis-sena 517, imma sena wara reġa' lura lejn iċ-ċenobju li kien waqqaf.

Theodosius miet fl-età veneranda ta' 105 sena fil-11 ta' Jannar 529. Il-ġisem tal-qaddis indifen fl-ewwel ċella li kellu, fl-għar li fih kien beda jgħix bħala eremita, u fejn għadu meqjum sal-lum.

Il-monasteru ta' San Theodosius inqered għalkollox diversi drabi, u meta żaru Ġwann Phocas f'era Kruċjata jgħid li sabu f'rovina. Imma fil-bidu tas-seklu 20 il-monaċi Griegi Ortodossi tal-Patrijarkat ta' Ġerusalemm bnew il-monasteru kif narawh illum.

## Il-Monasteru ta' San Theoctistus (Dejr Mukalik)

Il-fondazzjoni tal-Monasteru ta' Theoctistus, magħruf bl-isem ta' *Dejr Mukalik*, hi deskritta minn Ċirillu ta' Scythopolis fil-Ħajja ta' San Euthymius. Euthymius u Theoctistus marru joqogħdu f'għar fil-Wadi Mukalik fis-sena 411, u malajr ingħaqdu magħhom oħrajn. Wadi Mukalik hu l-isem Għarbi ta' *Nahal Og* bl-Ebrajk, wieħed mill-widien tad-Deżert tal-Lhudija li, minn ħdejn l-insedjament Lhudi ta' Almog fit-tramuntana ta' Ġerusalem jinżel lejn il-Baħar il-Mejjet f'distanza ta' madwar 30 kilometru. L-għar li fih kien hemm iċ-ċella ta' Euthymius sar knisja, u taħtu nbena monasteru (*coenobium*).

Fis-sena 421 Euthymius ħalla l-Wadi Mukalik u mar jgħix fis-solitudni fil-monasteru ġdid li waqqaf fis-sena 428, li l-fdalijiet tiegħu llum ġew skavati ħdejn Mishor Adummim, bl-isem ta' *Khan al Aħmar*. Wara li miet Theoctistus (circa 466-468) sar Abbati ta' Dejr Mukalik ċertu Marinus, li kien ħaten l-Għarbi Pietru Aspebet, li kien ikkonverta għall-Kristjaneżimu. Sadanittant il-monasteru ta' Theoctistus baqa' abitat mill-monaċi sas-sena 614, meta minħabba l-invażjoni Persjana ġie abbandunat. Minkejja li kien fi stat ta' rovina, kienu diversi l-eremiti li, minn żmien għal żmien, baqgħu jgħixu f'Dejr Mukalik. Fosthom jissemma l-eremita Eġizzjan Kristofru fil-Ħajja ta' San Stiefnu s-Sabaita.

F'epoka Kruċjata, fis-snin 1106-1108 żar dan il-monasteru l-Abbati Russu Danjel. Dwar il-Monasteru ta' San Theoctistus jgħid li kien jinsab taħt il-muntanja lejn in-nofsinhar ta' San Euthymius, imma li kien sabu meqrud mill-"pagani".

Is-sit ta' Dejr Mukalik ġie studjat fl-1870 mis-Survey of Western Palestine. Il-knisja trogloditika (knisja-għar) mbagħad ġiet iddokumentata u ffotografata mir-Rev. Chitty fl-1927. Id-dokumentazzjoni tiegħu hi prezzjuża sal-ġurnata tal-lum, billi s-sit ta' Dejr Mukalik hu kważi inaċċessibbli.

Il-monasteru jinsab xi 6.5 kilometri lejn il-lvant



tal-Monasteru ta' San Euthymius, fuq ix-xaqliba tat-tramuntana tal-Wadi Mukalik. Id-daħla tal-għar tinsab fuq irdum profond, xi 7 metri fuq kull post li minnu tista' titla' bil-kumdità, u xi 9 metri taħt il-quċċata tar-rdum. Dan ifisser li d-daħla kellha aċċess diffiċli, imma x'aktarx li meta l-monasteru kien okkupat mir-rħieb, dawn kienu bnew xi ħitan mar-rdum u xi turġien li minnhom kienu jistgħu jitilgħu biex jixxabbtu għad-daħla. Illum il-ġurnata kollox hu mġarraf.

Id-daħla tal-għar-knisja tinsab fuq xkaffa ta' blat lejn in-nofsinhar, li fiha hemm ukoll bokka ta' ġiebja. Minn hemm jitlaq passaġġ fil-blat. Il-knisja-għar għandha abside li tħares lejn il-lvant, u hi biċċa mibnija u biċċa fil-blat. Hemm fdalijiet ta' mużajċi u xi affreski, li Chitty iddatahom għal tmiem is-seklu 12, jiġifieri f'epoka Kruċjata. L-abside tal-knisja kienet dekorata minn rappreżentazzjoni tal-Axxensjoni, bi Kristu fuq tron meħud is-sema mill-anġli, u taħtu t-tnax l-appostli u żewġ figuri oħrajn, li x'aktarx huma l-Verġni Marija u San Theoctistus. Fuq in-naħa tal-lemin hemm affresk ta' Kristu flimkien mal-arkanġli Mikiel u Gabrijel u mal-qaddisin Saba u Gerasimos. Fil-għoli hemm rappreżentazzjoni ta' Kristu fuq is-Salib, u maġenbu l-Verġni Marija u San Ġwann, u fil-lemin San Ġwann Damaxxenu.

Il-binja tal-monasteru tokkupa xkaffa tal-blat fuq ix-xaqliba tat-tramuntana tal-Wadi Mukalik, u testendi ruħha għal xi 100 metru. Hemm fdalijiet ta' torri żgħir fejn kien hemm id-daħla tal-monasteru. It-torri hu ta' epoka medjevali. Fil-ġnub tal-wied, fuq il-blat fil-għoli, hemm fdalijiet oħrajn fl-għerien li jindikaw li l-post kien okkupat unikament mill-monaċi, għalkemm fl-epoka Kruċjata dawn l-għerien kienu diġà abbandunati.

Studju tajjeb dwar il-Monasteru ta' Wadi Mukalik sar minn H. Goldfus, B. Arubas, E. Alliata, *The Monastery of St. Theoctistus (Deir Mukalik)*, in *Liber Annuus* 45 (1995) 247-292.

ĠEDDED L-ABBONAMENT TIEGĦEK

# L-ART Imqaddsa
RIVISTA BIBLIKA

## TIĠDID L-ART IMQADDSA 2016




## ABBONAMENT:

€10 fis-sena

€15 jew aktar Sostenitur

TOĦROĠ KULL 3 XHUR

**Kummissarjat tal-Art Imqaddsa**
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

*Jekk irċevejt ir-Rivista b'xejn għaliex ġejt l-Art Imqaddsa mal-Franġiskani, ħallas l-abbonament biex tkompli tirċiviha.*

Kunjom ____________________

Isem ____________________

Indirizz ____________________

____________________

____________________

Kodiċi Postali

____________________

Qed nibgħat € ____
bħal abbonament għall-2016

# Pellegrinaġġi Franġiskani 2016

## Art Imqaddsa
*Imexxi Mons Arċisqof Charles J. Scicluna*
4 - 12 Mejju

## Art Imqaddsa
13 - 21 Lulju
3 - 11 Awwissu
1 - 9 Settembru
10 - 18 Settembru

## Art Imqaddsa u Ġordanja
4 - 14 April

## Art Imqaddsa *Extra*
6 - 16 Novembru

## Polonja
18 - 22 Ġunju

## Assisi
23 - 28 Awwissu

**Ikteb jew ċempel:**
**Kummissarjat tal-Art Imqaddsa**

8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

